ISSN 1831-0907

IL-QORTI EWROPEA
TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 3

2013

# IL-PROGRAMMI MARCO POLO KIENU EFFETTIVI FIĊ-ĊAQLIQ TAT-TRAFFIKU LIL HINN MIT-TOROQ?

eca
SINCE 1977

MT

Rapport Speċjali Nru 3 // 2013

# IL-PROGRAMMI MARCO POLO KIENU EFFETTIVI FIĊ-ĊAQLIQ TAT-TRAFFIKU LIL HINN MIT-TOROQ?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Telefown: +352 4398-1
Faks: +352 4398-46410
E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Rapport Speċjali Nru 3 // 2013

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-9241-213-5
doi:10.2865/78465

© L-Unjoni Ewropea, 2013
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

# WERREJ

Paragrafu


GLOSSARJU

I–VI SOMMARJU EŻEKUTTIV

1–8 INTRODUZZJONI

1–3 IL-PROGRAMMI MARCO POLO U L-MULTIMODALITÀ

4–8 ĠESTJONI TAL-PROGRAMMI MARCO POLO

9–12 AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

13–43 OSSERVAZZJONIJIET

13–23 IL-PROGRAMMI MA KINUX EFFETTIVI

13–16 EŻITI LI MA SSODISFAWX L-ASPETTATTIVI …

17–21 … U FTIT LI XEJN IMPATT FUQ IĊ-ĊAQLIQ TAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA LIL HINN MIT-TOROQ

22–23 L-IMPATT REALI MA JISTAX JIĠI VVALUTAT

24–34 MA TRESSQUX BIŻŻEJJED PROPOSTI RILEVANTI TA' PROĠETTI, …

26 … MINĦABBA LI S-SITWAZZJONI TAS-SUQ U L-KUNDIZZJONIJIET GĦAD-DĦUL MA INKORAĠĠIETX LILL-OPERATURI BIEX JIEĦDU VANTAĠĠ MILL-ISKEMA

27–28 INĊERTEZZA DWAR KEMM TRAFFIKU FIL-FATT ĠIE MĊAQLAQ LIL HINN MIT-TOROQ, …

29–31 … U NOFS IL-PROĠETTI AWDITJATI HUMA TA' SOSTENIBBILTÀ LIMITATA …

32–34 … U L-PROĠETTI KIENU SE JINBDEW ANKE MINGĦAJR FINANZJAMENT MILL-UE

35–43 IL-ĠESTJONI TA' KULJUM TAL-ISKEMA TJIEBET GRADWALMENT, …

37–40 … IŻDA KIEN HEMM ANALIŻI INSUFFIĊJENTI TAL-ĦTIĠIJIET TAS-SUQ …

41–43 … U AZZJONI KORRETTIVA SETGĦET ITTIEĦDET QABEL

44–46 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

ANNESS I — DETTALJI TAL-PROĠETTI KAMPJUNATI

ANNESS II — TQABBIL TAL-KOEFFIĊJENTI KALKULATURI TAL-MP MAŻ-ŻMIEN

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

# GLOSSARJU

**Azzjonijiet tal-Marco Polo**: Il-programmi Marco Polo jiffinanzjaw il-ħames tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

1. Azzjoni ta' kataliżi: azzjoni taħt il-Marco Polo I u II (l-MP I u l-MP II) maħsuba biex tegħleb ostakli strutturali sinifikanti fis-suq għat-trasport tal-merkanzija li jipprevjeni lis-suq milli jaħdem b'mod sodisfaċenti;

2. Azzjoni ta' ċaqliq modali: azzjonijiet tal-MP I u II biex it-trasport ta' merkanzija jiċċaqlaq mit-triq għal ferroviji, għal passaġġi tal-ilma interni u tbaħħir fil-qosor jew għal kombinazzjoni ta' dawn il-mezzi ta' trasport;

3. Azzjonijiet ta' toroq tat-tbaħħir: azzjonijiet tal-MP II immirati lejn iċ-ċaqliq modali billi jintroduċu servizz bieb bieb li jċaqlaq it-trasport ta' merkanzija minn distanzi twal bit-triq għal kombinazzjoni ta' tbaħħir fil-qosor u mezzi oħra ta' trasport;

4. Azzjoni għall-evitar tat-traffiku: azzjoni tal-MP II mmirata lejn l-evitar tat-traffiku iktar milli lejn iċ-ċaqliq tiegħu, billi tiffoka fuq il-modifika tal-proċessi ta' produzzjoni/distribuzzjoni biex tikseb distanzi iqsar, fatturi ta' tagħbija ogħla, inqas vjaġġi vojta, tnaqqis ta' flussi ta' skart, tnaqqis tal-volum u/jew piż jew kwalunkwe effett ieħor li jwassal għal tnaqqis sinifikanti tat-traffiku tal-merkanzija fit-toroq;

5. Azzjoni ta' tagħlim komuni: Azzjoni tal-MP I u II imfassla biex twassal għaċ-ċaqliq modali b'mod indirett billi ttejjeb l-għarfien fis-settur tal-loġistika tat-trasport ta' merkanzija u billi trawwem metodi u proċeduri avvanzati għall-kooperazzjoni fis-suq tat-trasport ta' merkanzija.

**DĠ Mobbiltà u Trasport**: Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-mobbiltà u t-trasport.

**EACI**: Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni. F'Marzu 2008, din l-aġenzija ħadet f'idejha l-ġestjoni ta' kuljum tal-proġetti tal-Marco Polo.

**Infrastruttura anċillari**: L-infrastruttura meħtieġa u suffiċjenti biex jitwettqu l-għanijiet tal-azzjonijiet iffinanzjati (Marco Polo II ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006, l-Artikolu 2(h)). Billi l-proġetti tal-Marco Polo huma proġetti ta' servizzi tat-trasport, infrastruttura anċillari għandha tikkonsisti biss f'aġġustamenti għal infrastruttura eżistenti li huma meħtieġa biex is-servizz tat-trasport previst ikun jista' jitwettaq.

**Interoperabbiltà (tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea)**: Il-kapaċità li jsiru operazzjonijiet fuq kwalunkwe parti tan-netwerk ferrovjarju mingħajr ebda differenza, billi jkun hemm fokus fuq li s-sistemi tekniċi differenti tal-ferroviji tal-UE jaħdmu flimkien u li jiġu evitati ostakli operazzjonali u infrastrutturali.

**Kilometru-tunnellata (tkm)**: It-trasport ta' tunnellata (1 000 kg) merkanzija fuq distanza ta' kilometru. Mill-2009, ir-regoli ippermettew li tkun inkluża it-tara fit-tkm imċaqilqa taħt il-programmi Marco Polo.

**Kumitat tal-Programm Marco Polo**: Kumitat ta' Ġestjoni li jikkonsisti mir-rappreżentanti differenti tal-Istati Membri tal-UE u minn osservaturi minn pajjiżi terzi parteċipanti li qed jindirizzaw is-servizzi tat-trasport.

**Piż mejjet (deadweight)**: Piż mejjet iseħħ fejn finanzjament jingħata biex jappoġġja benefiċjarju li xorta waħda kieku jkun għamel l-istess għażla fin-nuqqas ta' għajnuna. F'każijiet bħal dawn, l-eżitu ma jistax jiġi attribwit lill-politika, u l-għajnuna mħallsa lill-benefiċjarju ma kellha l-ebda impatt. B'hekk is-sehem tan-nefqa li jiġġenera piż mejjet huwa ineffettiv fih innifsu, minħabba li ma jikkontribwixxix fl-ilħuq tal-objettivi.

**Trasport multimodali**: Il-ġarr ta' merkanzija minn mill-inqas żewġ mezzi ta' trasport differenti, bħal bit-triq, bil-ferrovija, bil-passaġġi tal-ilma interni jew bit-tbaħħir fil-qosor, mill-punt tat-tluq sad-destinazzjoni.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**I.**
Sa mill-2003, il-programmi Marco Polo ffinanzjaw proġetti ta' servizzi tat-trasport li jċaqalqu t-trasport ta' merkanzija mit-triq għall-ferroviji, għall-passaġġi tal-ilma interni u għat-tbaħħir fil-qosor. L-ewwel programm Marco Polo (Marco Polo I) kellu baġit ta' EUR 102 miljun u kien fis-seħħ bejn l-2003 u l-2006. Il-programm attwali Marco Polo II qiegħed fis-seħħ mill-2007 sal-2013 u għandu baġit sostanzjalment akbar ta' EUR 450 miljun. L-għan tal-iskema kien li jitnaqqas it-traffiku tat-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq, u b'hekk titjieb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport ta' merkanzija, titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq u tiżdied is-sigurtà fit-toroq.

**II.**
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri vvalutat jekk il-Kummissjoni kinitx ippjanat il-programmi, u jekk kinitx qiegħda ġġestihom u tissorveljahom, b'tali mod li tkabbar l-effettività tagħhom, u jekk il-proġetti ffinanzjati kinux effettivi.

**III.**
Il-Qorti sabet li l-programmi kienu ineffettivi minħabba li ma laħqux il-miri tal-prodotti tagħhom, kellhom ftit li xejn impatt fuq iċ-ċaqliq tal-merkanzija lil hinn mit-toroq u ma hemm l-ebda *data* biex jiġu vvalutati l-benefiċċji mistennija mit-tnaqqis tal-impatt ambjentali tat-trasport ta' merkanzija, mit-tnaqqis ta' konġestjoni fit-toroq u mit-titjib tas-sigurtà fit-toroq.

**IV.**
Il-mekkaniżmu użat għall-pagamenti tal-programmi għamel l-iżborżament tal-finanzjament mill-UE kundizzjonali fuq riżultati, il-proċedura tal-għażla kienet tiżgura li proġetti ta' kwalità għolja biss kienu jiġu magħżula u dawn il-proġetti normalment kienu jipprovdu benefiċċji akbar għall-komunità usa'. Iżda, ma kienx hemm biżżejjed proposti ta' proġetti rilevanti proposti minħabba li s-sitwazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet għad-dħul qatgħu qalb l-operaturi milli jieħdu vantaġġ mill-iskema. Barra minn dan, kien hemm inċertezza dwar il-kwantitajiet limitati rrappurtati mċaqalqa, u nofs il-proġetti awditjati kienu ta' sostenibbiltà limitata. Barra minn hekk, il-proġetti kienu jinbdew anke mingħajr finanzjament mill-UE (piż mejjet).

**V.**
Filwaqt li l-ġestjoni ta' kuljum tal-programmi tjiebet matul iż-żmien, il-Kummissjoni ma wettqitx analiżi suffiċjenti tal-ħtiġijiet tas-suq biex tivvaluta l-potenzjal li jintlaħqu l-objettivi tal-politika, u azzjonijiet korrettivi setgħu ttieħdu qabel. Madankollu, dgħufijiet importanti fil-programm ikomplu jippersistu.

**VI.**
Minħabba r-riżultati tal-programmi attwali, il-Qorti tirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni li jikkunsidraw li jtemmu l-finanzjament mill-UE għal servizzi tat-trasport ta' merkanzija li għandhom l-istess tfassil bħall-programmi Marco Polo ("top-down supply-push" (spinta lill-provvista minn fuq għal isfel)) li wasslu għad-dgħufijiet identifikati f'dan ir-rapport (rispons insuffiċjenti għas-suq, assenza ta' evidenza dwar l-ilħuq ta' objettivi, piż amministrattiv kbir, sostenibbiltà fqira u piż mejjet) u li jagħmlu l-kontinwazzjoni ta' dan il-finanzjament kundizzjonali fuq valutazzjoni tal-impatt *ex ante* li turi jekk hemmx u sa fejn hemm valur miżjud tal-UE. Dan kieku jimplika t-twettiq ta' analiżi tas-suq iddettaljata dwar id-domanda potenzjali u l-adottar tal-esperjenza u l-aħjar prattiki ta' skemi nazzjonali ta' appoġġ simili tal-Istati Membri. Huwa biss fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva firrigward ta' azzjoni sinifikanti tal-UE f'dan il-qasam, li l-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tieħu serje ta' azzjonijiet biex issaħħaħ il-prestazzjoni fi skemi futuri.

# INTRODUZZJONI

## IL-PROGRAMMI MARCO POLO U L-MULTIMODALITÀ

**1.** Il-multimodalità tittratta l-użu ta' żewġ mezzi ta' trasport jew aktar għall-ikkompletar ta' operazzjoni waħda ta' trasport ta' merkanzija. S'issa t-trasport multimodali kien ġeneralment ikkunsidrat aktar sostenibbli ambjentalment billi jnaqqas operazzjonijiet ta' trasport "bit-triq biss". Iż-żieda fl-użu tal-multimodalità għalhekk kienet għal ħafna snin u għadha wieħed mill-objettivi prinċipali tal-politika tat-trasport tal-UE[1].

**2.** Bħala parti minn din il-politika, fl-2003 l-Leġiżlatur tal-UE stabbilixxa l-ewwel programm Marco Polo (Marco Polo I, b'baġit ta' EUR 102 miljun) li opera bejn l-2003 u l-2006. Dan kien segwit mill-programm attwali Marco Polo II (2007-2013), li għandu baġit sostanzjalment akbar ta' EUR 450 miljun u ambitu estiż. L-objettiv kien li tiġi miġġielda ż-żieda fit-trasport tal-merkanzija bit-triq billi ż-żieda aggregata mistennija tiġi mċaqalqa għal ferroviji, għal passaġġi tal-ilma interni u għal tbaħħir fil-qosor, jew għal kombinazzjoni ta' dawn il-mezzi ta' trasport. Dan kien maħsub biex inaqqas l-effetti sekondarji ambjentali tat-trasport tal-merkanzija, biex inaqqas il-konġestjoni fit-toroq u jtejjeb is-sigurtà fit-toroq u biex jikkontribwixxi għal mobbiltà effiċjenti u sostenibbli (ara l-***Figura 1***).

**3.** Għall-perjodu ta' wara l-2013, il-Kummissjoni pproponiet appoġġ kontinwu mill-UE għas-servizzi tat-trasport ta' merkanzija, billi tiġi promossa "il-mobilitazzjoni ta' servizzi tat-trasport innovattivi jew kombinazzjonijiet ġodda ta' servizzi tat-trasport eżistenti li l-effiċjenza tagħhom tkun ġiet ippruvata, inkluż permezz tal-applikazzjoni ta' ITS u t-twaqqif ta' strutturi rilevanti ta' governanza[2]". Fin-nuqqas ta' evalwazzjoni *ex ante*, għadu mhux magħruf madankollu kif dawn l-objettivi wiesgħa se jiġu implimentati, x'inhuma l-objettivi u l-prijoritajiet speċifiċi kif ukoll x'inhu l-ammont ta' finanzjament meqjus neċessarju.

[1] Il-White Paper 1992 "The future development of the common transport policy" (L-iżvilupp futur tal-politika komuni tat-trasport) (COM(92) 494 finali tat-2 ta' Diċembru 1992) rat iċ-ċaqliq tal-bilanċ bejn il-mezzi ta' trasport bħala objettiv prinċipali. Il-White Paper 2001 "European transport policy for 2010: Time to decide" (Politika Ewropea tat-trasport għall-2010: Iż-żmien biex niddeċiedu) (COM(2001) 370 finali tat-12 ta' Settembru 2001) ikkonfermat l-importanza tar-reviżjoni tal-ishma rispettivi tal-mezzi ta' trasport biex tiżdied is-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tat-trasport. It-trasport intermodali kellu jiġi mħeġġeġ billi jsir investiment f'konnessjonijiet tajbin bejn il-baħar, il-passaġġi tal-ilma interni u l-ferroviji. L-objettiv prinċipali tal-White Paper 2011 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport — Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (KUMM(2011) 144 finali tat-28 ta' Marzu 2011) huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) billi titrażżan iż-żieda fil-konġestjoni tat-traffiku u billi jiġu stabbiliti kollegamenti multimodali effiċjenti.

[2] L-Artikolu 38 ta' COM(2011) 650 finali/2 tad-19 ta' Diċembru 2011.

FIGURA 1

**ĦARSA ĠENERALI LEJN U OBJETTIVI TAL-PROGRAMM MARCO POLO II (*EX ANTE* EVALUATION REPORT ON MP II (RAPPORT TA' EVALWAZZJONI *EX ANTE* DWAR L-MP II), ECORYS, IL-15 TA' ĠUNJU 2004, P. 1.)**



## ĠESTJONI TAL-PROGRAMMI MARCO POLO

4. Il-programmi Marco Polo huma ġestiti b'mod ċentrali mill-Kummissjoni. Applikazzjonijiet għal proġetti huma rċevuti permezz ta' sejħiet annwali għal proposti u evalwati skont il-kundizzjonijiet ta' finanzjament u l-kriterji ta' eliġibbiltà, tal-għażla u tal-għoti. Fil-bidu d-DĠ Mobbiltà u Trasport[3] kien responsabbli għall-programmi fit-totalità tagħhom, iżda minn Marzu 2008, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI) ġestiet l-implimentazzjoni reali tal-iskema. Il-kompiti huma maqsuma bejn id-DĠ Mobbiltà u Trasport u l-EACI kif ġej:

(a) Id-DĠ Mobbiltà u Trasport huwa responsabbli mill-ġestjoni tal-programmi, li tinkludi ffissar ta' prijoritajiet, abbozzar u adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali, abbozzar ta' dokumenti għas-sejħiet annwali għal proposti u l-pubblikazzjoni tas-sejħa fil-Ġurnal Uffiċjali, relazzjonijet mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-programm, u sorveljanza tal-attività ta' ġestjoni tal-EACI;

(b) L-EACI tagħti pariri lill-applikanti potenzjali, tirċievi, tiftaħ u tevalwa proposti ta' proġetti, tinnegozja d-dettalji tal-kuntratti mal-applikanti, tipprepara d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għall-għoti ta' għotjiet, tirċievi rapporti perjodiċi dwar proġetti, timmonitorja proġetti, tagħmel pagamenti lill-benefiċjarji u tirrapporta lill-Kummissjoni.

[3] F'dak iż-żmien imsejjaħ "Direttorat Ġenerali għat-Trasport u l-Enerġija".

5. Ir-raġunament wara l-Marco Polo kien li nuqqasijiet regolatorji u tas-suq jiskoraġġixxu lill-operaturi milli jistabbilixxu alternattivi għal trasport bit-triq. L-għan tal-programmi huwa għalhekk li jiġu kkumpensati l-operaturi tat-trasport għat-telf inizjali fuq servizzi tat-trasport ġodda jew imtejba li jċaqalqu t-traffiku lil hinn mit-toroq. Is-sussidju mill-UE huwa kkalkulat bħala l-anqas ammont fost: (i) EUR 1 (qabel is-sejħa 2009) jew EUR 2 (sa mis-sejħa 2009) għal kull 500 tkm imċaqalqa lil hinn mit-toroq; (ii) 35 % tal-ispejjeż eliġibbli (50 % għal azzjonijiet ta' tagħlim komuni); (iii) id-defiċit kumulattiv għat-tul ta' żmien kollu tal-azzjoni. Jingħata eżempju fil-***Kaxxa 1***.

6. Sabiex jintlaħaq l-objettiv taċ-ċaqliq modali, tipi differenti ta' azzjonijiet huma previsti (azzjonijiet ta' ċaqliq modali; azzjonijiet ta' katalizi u azzjonijiet ta' toroq tat-tbaħħir, ara l-glossarju) iżda l-programm Marco Polo II jiffinanzja wkoll proġetti li jimmiraw li jinkoraġġixxu effiċjenza ogħla fit-trasport internazzjonali (prinċipalment intra-UE) ta' merkanzija (l-azzjonijiet għall-evitar tat-traffiku).

**KAXXA 1**

## EŻEMPJU TAL-KALKULAZZJONI TAL-AMMONT TA' SUSSIDJU TAL-MP

Jekk proġett tal-Marco Polo jkun ġie magħżul fuq il-bażi tas-sejħa 2009 u wettaq ċaqliq modali ta' 600 miljun tkm u jekk dan il-proġett kellu spejjeż eliġibbli ta' EUR 35 miljun (inklużi EUR 4 miljun f'investimenti f'infrastruttura anċillari), spejjeż ineliġibbli ta' EUR 9 miljun u ġġenera EUR 41 miljun fi dħul, japplika għalih il-kalkolu tas-sussidju li ġej:

Ammont 1: l-applikazzjoni tar-rata ta' kontribuzzjoni għas-sejħa tal-2009 ta' EUR 2 għal kull 500 tkm tagħti kontribuzzjoni tal-UE għall-volum imċaqlaq lil hinn mit-toroq ta' ***EUR 2,4 miljun***;

Ammont 2: l-applikazzjoni tar-rata massima ta' intervent ta' 35 % tal-EUR 35 miljun fi spejjeż eliġibbli tagħti it-tieni ċifra ta' ***EUR 12,25 miljun***;

Ammont 3: l-operazzjoni ġġenerat EUR 41 miljun fi dħul u EUR 44 miljun fi spejjeż (kemm eliġibbli kif ukoll ineliġibbli), li tagħti telf ta' ***EUR 3 miljun***.

F'dan il-każ, is-sussidju jkun limitat għal ***EUR 2,4 miljun***, li huwa l-anqas mit-tliet ammonti.

**7.** Il-programm ikopri wkoll proġetti li ma jipprovdux ċaqliq modali b'mod dirett (bħala parti mill-azzjonijiet ta' tagħlim komuni) kif ukoll infiq ieħor (sa massimu ta' 5 % tal-baġit). Fil-fatt, bejn l-2009 u l-2012, madwar EUR 11,8 miljun f'sussidji[4] marru għal:

— Proġetti implimentati bħala parti mill-azzjoni ta' tagħlim komuni, bl-għan li jwasslu għal ċaqliq modali b'mod indirett billi jtejbu l-għarfien fis-settur tal-loġistika tat-trasport ta' merkanzija u billi jrawmu metodi u proċeduri avvanzati għall-kooperazzjoni fis-suq tat-trasport ta' merkanzija. Madwar EUR 8,1 miljun ġew imħallsa sal-aħħar tal-2011 għal 16-il proġett;

— Miżuri ta' akkumpanjament, varati biex jappoġġaw azzjonijiet attwali u żvilupp ulterjuri tal-programm. Dawn il-miżuri inkludew attivitajiet ta' komunikazzjoni biex jippromwovu l-programm, studji dwar is-servizzi tat-trasport bil-passaġġi tal-ilma interni u traffiku ta' vaguni weħidhom kif ukoll kontribuzzjoni għal programm Ewropew b'appoġġ għat-Tbaħħir fil-Qosor (li għalihom tħallsu EUR 3,7 miljun).

[4] Dan irrappreżenta 12,5 % tal-ammonti mħallsa mill-programmi.

**8.** Mill-ħames tipi ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-programm, proġetti tat-tip azzjoni ta' ċaqliq modali huma l-qalba tal-programmi u jirrappreżentaw 80 % tal-ftehimiet ta' għotja ffirmati (ara l-***Figura 2***).

**FIGURA 2**

## UŻU TAL-FINANZJAMENT TAL-PROGRAMMI MARCO POLO SKONT IT-TIP TA' AZZJONI (ANNUAL ACTIVITY REPORT (RAPPORT ANNWALI TAL-ATTIVITÀ), EACI 2010, L-ANNESS 5.4, IL-PUNT 1)



# AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

**9.** L-objettiv tal-awditu tal-Qorti kien li jiġi stabbilit jekk il-programmi Marco Polo kinux effettivi. Hi għamlet dan billi vvalutat jekk il-Kummissjoni kinitx ippjanat il-programmi, u jekk kinitx qiegħda ġġestihom u tissorveljahom b'tali mod li tkabbar l-effettività tagħhom kemm jista' jkun. Il-Qorti vvalutat ukoll jekk għadd ta' proġetti ffinanzjati kinux laħqu l-objettivi tagħhom.

**10.** L-awditu kopra l-Marco Polo I u l-Marco Polo II (li għadu għaddej) sa Lulju 2012. Ix-xogħol għaqqad flimkien firxa ta' proċeduri tal-awditjar: eżaminar ta' fajls, intervisti, analiżi ta' valutazzjonijiet tal-impatt, evalwazzjonijiet u riżultati ta' stħarriġ u eżami ta' evalwazzjonijiet dwar proposti ta' proġetti. Il-Qorti vvalutat ukoll l-informazzjoni disponibbli fi ħdan id-DĠ Mobbiltà u Trasport dwar l-iskemi ta' appoġġ implimentati fl-Istati Membri, wettqet stħarriġ dwar l-iskemi ta' appoġġ għas-servizzi nazzjonali tat-trasport eżistenti fiż-żmien tal-awditu u intervistat awtoritajiet nazzjonali magħżula li kienu qed jieħdu sehem fil-Kumitat tal-Marco Polo matul l-awditi tal-proġetti.

**11.** Dan ix-xogħol ġie supplimentat minn intervisti mal-entitajiet rilevanti u minn verifikazzjoni fuq il-post tal-kisbiet ta' 16-il proġett tat-tip azzjoni ta' "ċaqliq modali" li kienu kkompletati (il-qalba tal-programm, ara l-paragrafu 8 hawn fuq) fil-Belġju, fil-Ġermanja, fi Franza, fl-Italja, fil-Lussemburgu u fil-Pajjiżi l-Baxxi (ara l-***Anness I*** għad-dettalji tal-kontenut u tal-prestazzjoni tal-proġetti). Il-***Kaxxa 2*** tagħti deskrizzjoni qasira ta' żewġ proġetti awditjati.

**12.** Is-16-il proġett awditjat irrappreżentaw EUR 19,5 miljun f'impenji u EUR 11,4 miljun f'pagamenti. Nofshom ġew approvati taħt l-MP I, u n-nofs l-ieħor taħt l-MP II. Erbgħa kienu proġetti ta' tbaħħir fil-qosor, wieħed kien kombinament ta' ferroviji/passaġġi tal-ilma interni, u l-11 li baqa' kienu proġetti ferrovjarji. 14-il benefiċjarju mis-16-il proġett kienu konsorzji ta' kumpaniji kbar tat-trasport, kumpaniji ferrovjarji nazzjonali jew linji internazzjonali tat-tbaħħir.

KAXXA 2

## EŻEMPJI TA' PROĠETTI TAL-MARCO POLO AWDITJATI

(a) Sirius 1 kien proġett ferrovjarju għall-ġarr ta' ilma minerali naturali mill-impjant għall-produzzjoni Franċiż sa varji pjattaformi tal-loġistika fil-Ġermanja. L-għan kien li jitjiebu l-kapaċitajiet u s-servizz għall-klijenti u li tiġi appoġġjata l-mira tal-marka tal-karbonju tal-kumpanija (tnaqqis ta' 40 % bejn l-2008 u l-2012 fuq l-ambitu tar-responsabbiltà diretta u l-marki kummerċjali kollha).



© Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**Tagħbien tal-ilma fuq ferroviji fl-impjant għall-produzzjoni ta' S.A. des Eaux Minérales d'Evian**

(b) Gulf Stream huwa proġett ta' tbaħħir fil-qosor li joffri alternattiva bil-baħar għat-traffiku tal-merkanzija bejn it-tramuntana ta' Spanja u n-nofsinhar tal-Ingilterra. Huwa servizz roll-on/roll-off li jopera salpar bir-ritorn kull tmiem il-ġimgħa bejn il-port Spanjol ta' Santander u Poole fuq il-kosta tan-nofsinhar tal-Ingilterra biex jegħleb il-projbizzjoni ta' tmiem il-ġimgħa fuq trakkijiet li jużaw in-netwerk nazzjonali Franċiża tat-toroq.



© BAI SA Brittany Ferries Port du Bloscon

**Trakkijiet ħirġin mill-vapur, iġorru l-merkanzija tagħhom sad-destinazzjoni matul tmiem il-ġimgħa**

# OSSERVAZZJONIJIET

## IL-PROGRAMMI MA KINUX EFFETTIVI

### EŻITI LI MA SSODISFAWX L-ASPETTATTIVI...

**13.** Il-leġiżlazzjoni kienet stabbilixxiet miri annwali kwantifikati għaċ-ċaqliq modali li ż-żewġ programmi kellhom jilħqu. Għall-MP I, il-mira annwali kienet 12-il biljun tkm. Għall-MP II, il-mira annwali ġiet miżjuda għal "parti sostanzjali" ta' 20,5 biljun tkm[5] fuq il-bażi ta' proposta għal pakkett finanzjarju ta' EUR 740 miljun li kellu jinkludi appoġġ tal-infrastruttura. Minkejja l-fatt li l-ammonti għall-infrastruttura ġew irrifjutati matul il-proċedura leġiżlattiva, il-mira oriġinali fil-biċċa l-kbira nżammet.

**14.** Tqabbil bejn il-miri stabbiliti u l-kisbiet tal-programm irrappurtati juri prestazzjoni insuffiċjenti kontinwa u sinifikanti (ara t-***Tabella 1***).

**15.** Id-*data* taċ-ċaqliq modali rrappurtata hija finali biss għall-MP I, fejn tindika li 22,1 biljun tkm ta' merkanzija ġiet imċaqalqa mit-triq għal mezzi oħra ta' trasport. Għalkemm dan ir-riżultat huwa ekwivalenti għal tneħħija mit-triq ta' 1 230 000 vjaġġ bit-trakk ta' 1 000 km (id-distanza minn Berlin sa Pariġi) kull wieħed iġorr 18-il tunnellata ta' merkanzija[6], dan xorta waħda jirrappreżenta biss 46 % tal-mira tal-programm.

**16.** Bejn l-2007 u l-2010, l-MP II kiseb biss 23,9 % taċ-ċaqliq impenjat tat-traffiku (ara t-***Tabella 1***). Għalkemm l-MP II għadu għaddej, mhuwiex se jċaqlaq bis-sħiħ il-parti sostanzjali mmirata ta' 20,5 biljun tkm fis-sena għax kien hemm rispons insuffiċjenti għas-sejħiet annwali għal proposti ta' proġetti. Għalhekk, il-finanzjament tal-programm li sar disponibbli mhux se jippermetti li tiġi milħuqa l-mira, anke jekk il-proġetti kollha fihom nfushom kellhom ikunu ta' suċċess għalkollox.

[5] L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija ("Marco Polo II"), u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1) jistipula li l-programm għandu jikseb: "(...) ċaqlieqa fit-traffiku li tkun parti sostanzjali miż-żieda aggregata annwali mistennija fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bit-triq, imkejjel f'kilometri-tunnellata (...)". Skont il-Premessa 2 tal-istess regolament, iż-żjieda aggregata annwali fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bit-triq kienet stmata fil-livell ta' 20,5 btkm, il-Premessa 4 tal-istess regolament jindika li l-programm għandu jgħin biex "għallinqas tiġi mċaqalqa ż-żieda totali mistennija fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bit-triq, imma preferibbilment aktar minn hekk".

[6] *Sors:* Preżentazzjoni mill-EACI waqt il-Ġurnata ta' Informazzjoni tal-MP, it-28 ta' Ġunju 2012.

### ... U FTIT LI XEJN IMPATT FUQ IĊ-ĊAQLIQ TAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA LIL HINN MIT-TOROQ

**17.** L-appoġġ għall-programm MP I suppost kellu jċaqlaq mill-inqas iż-żieda totali mistennija fit-traffiku ta' merkanzija bit-triq sa mill-2003. Għall-MP II, il-mira ġiet mibdula għal ċaqliq ta' "parti sostanzjali" taż-żieda totali mistennija fit-traffiku ta' merkanzija bit-triq. Abbażi ta' *data* mogħtija mill-Kummissjoni (DĠ Eurostat), il-***Figura 3*** turi li, fl-2003, it-toroq ġarrbu 46 % tat-total tat-trasport ta' merkanzija fl-UE, filwaqt li trasport marittimu, ferroviji u passaġġi tal-ilma interni rrappreżentaw 38 %, 11 % u 3,5 % rispettivament. Sal-2010, it-trasport bit-triq kien żied sehmu ġenerali għal 50 % tat-trasport ta' merkanzija kollu, filwaqt li t-trasport marittimu kien naqas għal 33 % u l-ferroviji u l-passaġġi tal-ilma interni baqgħu fil-livell ta' 11 % u 4 % rispettivament.

**TABELLA 1**

### VOLUMI MMIRATI, IMPENJATI U RRAPPURTATI TA' MERKANZIJA MĊAQALQA LIL HINN MIT-TRIQ PERMEZZ TAL-PROGRAMMI MARCO POLO F'BILJUNI TA' TKM (KALKULAZZJONIJIET TAL-QORTI BBAŻATI FUQ DOKUMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI U TAL-EACI[1])

| | Mira annwali | Ċaqliq impenjat[2] | Ċaqliq irrappurtat (mill-EACI) | % milħuq[3] |
|---|---|---|---|---|
| MP I | | | | |
| 2003 | 12,00 | 12,40 | 7,25 | 58,51 |
| 2004 | 12,00 | 14,38 | 6,33 | 43,99 |
| 2005 | 12,00 | 9,53 | 4,95 | 51,94 |
| 2006 | 12,00 | 11,40 | 3,55 | 31,17 |
| **Total tal-MP I** | **48,00** | **47,71** | **22,08** | **46,28** |
| | | | medja għall-MP I | 46,00 |
| MP II | [4] | | | |
| 2007 | 20,50 | 27,83 | 10,02 | 36,00 |
| 2008 | 20,50 | 16,33 | 3,40 | 20,82 |
| 2009 | 20,50 | 15,68 | 2,82 | 17,98 |
| 2010 | 20,50 | 14,15 | 3,40 | 24,03 |
| 2011 | 20,50 | 13,70 | 0,00 | 0,00 |
| **MP II 2007-2011** | **102,50** | **87,69** | **19,64** | **22,40** |
| | | | medja għall-MP II 2007-2010 (31.12.2012) | 19,16 |
| Total kumplessiv | 150,50 | 135,40 | 41,72 | |

1 Bl-użu tal-aktar *data* reċenti disponibbli tal-31.12.2012.
2 Kwantitajiet ippjanati li jkunu mċaqalqa fuq il-bażi tal-ftehimiet ta' għotja ffirmati mill-Kummissjoni u, sa minn Marzu 2008, mill-EACI.
3 Kwantitajiet ta' ċaqliq irrappurtati kontra dawk impenjati.
4 Għall-MP II il-mira annwali għandha tkun "parti sostanzjali" ta' 20,5 biljun tkm.

**18.** Bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekomomika li bdiet fl-2007, il-volumi ta' trasport inġenerali naqsu. Xi mezzi ta' trasport irreġistraw telf serju: trasport bil-ferroviji naqas bi 17,9 % u t-traffiku bil-passaġġi tal-ilma interni b'10,6 %[7]. Meta ffaċċjati bil-kriżi, it-trasportaturi bit-triq naqqsu l-prezzijiet tagħhom biex iżommu l-vetturi tagħhom fuq it-triq. Dan ipprovda kemm diżinċentivi biex isir trasferiment għal mezzi mhux bit-triq kif ukoll inċentivi biex isir trasferiment minn operazzjonijiet tat-trasport mhux bit-triq għal dawk bit-triq biss (ċaqliq modali bil-maqlub). B'hekk enfasizza l-vulnerabbiltà ċiklika tat-tfassil attwali tal-programm.

**19.** Iċ-ċaqliq modali rrappurtat ta' 22,1 biljun tkm miksub għall-MP I irrappreżenta biss 0,3 % mit-trasport internazzjonali kollu tal-merkanzija bit-triq tal-UE u madwar 25 % taż-żieda fit-trasport internazzjonali ta' merkanzija tal-UE bit-triq għall-istess perjodu. Ir-raġuni prinċipali għal dan hija li t-tkabbir fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq bejn l-2003 u l-2006 (113,7 biljun tkm) kienet ħafna akbar minn dak previst oriġinarjament (48 biljun tkm).

[7] *Sors:* l-Eurostat "Statistics in Focus" (L-Istatistika fil-Fokus) 13/2012, 21.2.2012.

**FIGURA 3**

**UŻU TA' MEZZI TA' TRASPORT GĦAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA INTRA-EU, NAZZJONALI U INTERNAZZJONALI MAŻ-ŻMIEN (*DATA* PROVDUTA LILL-QORTI MILL-EUROSTAT)**




*Sors:* Eurostat.

**20.** Fir-rigward tal-MP II, ftit proġetti biss kienu ġew ikkompletati saż-żmien tal-awditu u kien għadu kmieni wisq biex issir valutazzjoni finali tal-effettività u tal-impatt potenzjali tagħhom. Iżda minħabba l-approprjazzjonijiet baġitarji disponibbli u l-użu limitat tagħhom, x'aktarx li l-programm mhux se jkollu impatt sinifikanti fuq iċ-ċaqliq tat-traffiku lil hinn mit-triq (ara t-***Tabella 2***).

**21.** It-trasport tal-merkanzija bit-triq jibqa' l-mezz dominanti filwaqt li ferroviji u passaġġi tal-ilma interni għadhom f'livelli modesti ħafna. Il-***Figura 4*** turi li, qabel l-2007, l-volumi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq żdiedu sena fuq sena, li bejn l-2007 u l-2009 l-volumi trasportati waqgħu għall-mezzi kollha bħala riżultat tal-kriżi u li, sa mill-2009, kien hemm irkupru ċar fil-volumi trasportati, prinċipalment fuq il-partijiet tal-vjaġġi tal-merkanzija bit-triq u marittimi filwaqt li l-ferroviji u l-passaġġi tal-ilma interni ma rnexxilhomx iżidu is-sehem tagħhom.

**FIGURA 4**

**TRASPORT TA' MERKANZIJA TAL-UE SKONT IL-MEZZ F'MILJUNI TA' TKM (ID-*DATA* TAL-FIGURA 3 PPREŻENTATA BĦALA SEHEM PERĊENTWALI SKONT IL-MEZZ TA' TRASPORT)**




*Sors:* Eurostat.

### L-IMPATT REALI MA JISTAX JIĠI VVALUTAT

**22.** Il-finanzjament tal-programmi suppost kellu jkun ta' appoġġ għall-għanijiet tal-politika li jitnaqqsu l-effetti sekondarji ambjentali tat-trasport ta' merkanzija, li tittaffa l-konġestjoni tat-traffiku u li titjieb is-sigurtà fit-toroq. Il-Qorti ħadet nota tal-istimi tal-Kummissjoni li, għal kull EUR 1 investit fil-programm Marco Polo I, ġew iġġenerati benefiċċji ambjentali ta' EUR 13,30[8].

**23.** Iżda d-*data* disponibbli dwar il-konġestjoni fit-toroq u l-aċċidenti tat-traffiku ma jippermettux li jiġi vvalutat l-impatt reali billi l-Eurostat ma għandha l-ebda metodoloġija uffiċjali miftiehma u l-ebda *data* statistika armonizzata dwar il-konġestjoni tat-traffiku, u d-*data* dwar inċidenti tat-traffiku hija inkompleta. Barra minn hekk, għalkemm huwa ġeneralment rikonoxxut li l-alternattivi għal trasport bit-triq biss normalment jipprovdu benefiċċji akbar għall-komunità usa', il-livell reali ta' influwenza probabbli jkun ħafna aktar baxx. Dan minħabba l-fatt li, bejn l-2004 u l-2010, id-*data* tal-kalkulaturi[9] tal-Marco Polo użata kienet skaduta u għalhekk mhux preċiża. Sa mill-2004, it-trasport bit triq gradwalment sar aktar nadif bħala riżultat ta' riċerka u innovazzjoni[10]. Dan ma tqiesx mill-Kummissjoni għas-sejħiet tagħha mill-2005 sal-2010. Kien biss fl-2011 li koeffiċjenti ġodda u metodoloġija ġdida ġew użati meta ġie kkwantifikat l-impatt tat-trasport tal-merkanzija bil-ferroviji, bil-passaġġi tal-ilma interni u bit-tbaħħir fil-qosor. F'xi każijiet, dawn mhumiex ħafna aktar ta' ġid mill-opzjoni bit-triq biss (ara l-***Anness II***). Pereżempju: ma għadx hemm ħafna differenza bejn it-trasport bit-triq biss u ferroviji li jaħdmu bid-diżil, braken żgħar jew bastimenti tal-passiġġieri roll-on-roll-off ("Ro/Pax") li jużaw fjuwil konvenzjonali u li jbaħħru b'veloċità ta' minn 20 sa 23 mil tal-baħar. Malli l-bastimenti Ro/Pax jeċċedu veloċità ta' 23 mil tal-baħar, ikun saħansitra aħjar għall-ambjent li l-merkanzija tinġarr bit-trakkijiet.

[8] Preżentazzjoni mill-EACI waqt il-Ġurnata ta' Informazzjoni tal-MP, it-28 ta' Ġunju 2012.

[9] Il-'kalkulatur Marco Polo' huwa spread-sheet awtomatizzata li tipprovdi tqabbil tal-ispejjeż esterni teoretiċi relatati ma' fatturi ambjentali (bħal tniġġis tal-arja, tibdil fil-klima, storbju) u għal fatturi soċjo-ekonomiċi (bħal inċidenti, konġestjoni u infrastruttura). Il-kalkulazzjoni hija espressa f'euro kull tkm, bejn is-soluzzjoni ta' trasport "bit-triq biss" u s-soluzzjoni alternattiva ta' trasport multimodali applikata għal (ferroviji, passaġġi tal-ilma interni u tbaħħir fil-qosor).

[10] "Ex-ante evaluation report on MP II" (Rapport ta' evalwazzjoni *ex-ante* dwar l-MP II), Ecorys, il-15 ta' Ġunju 2004, p. 56: "when comparing modern truck engines with outdated or high-speed ship engines, road transport might prove to be the environmentally favourable option" (meta jiġu mqabbla l-magni moderni tat-trakkijiet ma' magni skaduti jew b'veloċità għolja ta' vapuri, it-trasport bit-triq għandha mnejn tkun l-opzjoni ambjentalment favorevoli).

## MA TRESSQUX BIŻŻEJJED PROPOSTI RILEVANTI TA' PROĠETTI, ...

24. Il-proġetti ffinanzjati permezz ta' dan il-programm huma wieħed mill-ftit eżempji fejn il-finanzjament tal-UE jkollu jitħallas abbażi tar-riżultati. Il-Qorti tirrikonoxxi li l-EACI għandha proċeduri li jippermettu li l-fondi tal-UE jintnefqu fuq proġetti li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla bl-aħjar mod. Iżda normalment ma jkunx hemm biżżejjed proġetti ta' kwalità għolja proposti (kien biss fl-2004 li r-riżorsi disponibbli ġew impenjati bis-sħiħ, ara t-***Tabella 2***).

25. B'hekk, il-programmi MP isibu problemi biex jassorbixxu l-approprjazzjonijiet tagħhom. Mill-EUR 101,8 miljun f'appoġġ finanzjarju disponibbli għall-MP I, EUR 41,8 miljun biss (41 %) ġew imħallsa[11]. L-MP II għandu baġit tal-programm ta' EUR 450 miljun, li minnhom EUR 77,8 miljun biss (25 % tal-baġit disponibbli) kienu imħallsa, prinċipalment bħala pagamenti bil-quddiem, sa tmiem l-2012. Għalhekk x'aktarx li ammont sinifikanti ta' finanzjament se jibqa' ma jintużax u mhux se jservi l-objettivi ġenerali stabbiliti.

[11] Dan inkluda pagamenti ta' EUR 1,4 miljun għal żewġ proġetti implimentati bħala parti mill-Azzjoni ta' katalizi li ma appoġġjax iċ-ċaqliq modali: il-finanzjament tal-UE ġie mħallas għall-konverżjoni ta' lokomottiva u għall-abbozzar ta' rapporti ta' implimentazzjoni tal-proġetti.

**TABELLA 2**

### ĦARSA ĠENERALI LEJN PROĠETTI U FONDI DISPONIBBLI, IMPENJATI U MĦALLSA TAĦT IL-PROGRAMMI MARCO POLO, F'MILJUNI TA' EURO (KALKULAZZJONIJIET TAL-QORTI BBAŻATI FUQ DOKUMENTAZZJONI MILL-KUMMISSJONI U L-EACI[1])

| | Nru ta' proġetti | Baġit disponibbli | Fondi impenjati | % impenjat kontra baġit totali | Fondi mħallsa | % imħallsa kontra baġit totali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| MP I | | | | | | |
| 2003 | 13 | 15,0 | 13,0 | 86,7 | 7,3 | 48,7 |
| 2004 | 12 | 20,4 | 20,4 | 100,0 | 12,3 | 60,3 |
| 2005 | 15 | 30,7 | 21,4 | 69,7 | 12,8 | 41,7 |
| 2006 | 15 | 35,7 | 18,9 | 52,9 | 9,4 | 26,3 |
| Total tal-MP I | 55 | 101,8 | 73,7 | 77,3 | 41,8 | 41,1 |
| MP II | | | | | | |
| 2007 | 20 | 58,0 | 45,4 | 78,3 | 18,7 | 32,2 |
| 2008 | 28 | 59,0 | 34,4 | 58,3 | 9,9 | 16,8 |
| 2009 | 21 | 66,3 | 61,9 | 93,4 | 23,2 | 35,0 |
| 2010 | 30 | 64,0 | 52,2 | 81,6 | 17,1 | 26,7 |
| 2011 | 18 | 56,9 | 33,6 | 59,1 | 8,8 | 15,5 |
| Total tal-MP II | 117 | 304,2 | 227,5 | 74,1 | 77,7 | 25,5 |
| Total kumplessiv | 172 | 406,0 | 301,2 | | 119,5 | |

[1] Bl-użu tal-aktar *data* reċenti disponibbli tal-31.12.2012.

### … MINĦABBA LI S-SITWAZZJONI TAS-SUQ U L-KUNDIZZJONIJIET GĦAD-DĦUL MA INKORAĠĠIETX LILL-OPERATURI BIEX JIEĦDU VANTAĠĠ MILL-ISKEMA

**26.** Minbarra l-bidla fis-sitwazzjoni tas-suq (ara l-paragrafu 18), raġuni sinifikanti għall-użu baxx tal-approprjazzjonijiet hija li l-ksib ta' appoġġ mill-programmi MP wera ruħu fit-tul, riskjuż, ikkumplikat u għali:

(a) Il-benefiċjarji awditjati damu medja ta' sentejn biex jiksbu aċċess għall-iskema (mid-data tal-ewwel idea tal-proġett sal-ilħuq tal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja). F'dan il-perjodu, damu medja ta' sena mid-data tal-għeluq tas-sejħa sad-data tal-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja. B'mod unanimu huma kkunsidraw din l-istennija twila wisq f'ambjent tan-negozju volatili. Il-Qorti sabet li sadanittant intilfu klijenti kemm-il darba. Billi bdil fir-rotot inizjali, fil-prodotti trasportati jew fil-punti tat-tluq u fid-destinazzjonijiet ma kinux permessi mill-Kummissjoni u mill-EACI għar-raġunijiet ta' ekwità fit-trattament u ta' kompetizzjoni leali, 53 mill-154 proġett magħżul (jew 34 %) bejn l-2003 u l-2010 kienu "ma rnexxewx jew intemmew kmieni". Dawn irrappreżentaw EUR 64,2 miljun f'impenji u EUR 3,7 miljun f'pagamenti;

(b) Investimenti f'infrastruttura anċillari jibqgħu kompletament għar-riskju tal-benefiċjarju: għalkemm il-leġiżlazzjoni tippermetti l-possibbiltà ta' finanzjament parzjali għal tali infrastruttura, il-mekkaniżmu ta' finanzjament normalment jipprovdi biss sussidju għall-volum ta' tkm imċaqlaq u fil-prattika jirrendi impossibbli li l-programm jikkofinanzja investimenti f'infrastruttura;

(c) Il-kundizzjonijiet tal-programm huma kkunsidrati mill-operaturi bħala kumplessi wisq għar-realtà tal-amministrazzjoni ta' kuljum, li tispjega għalfejn ħafna benefiċjarji użaw konsulenti biex jippreparaw ix-xogħol amministrattiv[12];

(d) Il-parteċipazzjoni fil-programmi MP hija wkoll għalja[13]: ibbażata fuq l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-persunal magħmula disponibbli mill-membri tal-konsorzju, it-tariffi tal-konsulenza u l-ispejjeż tax-xhur ta' xogħol maħduma mill-persunal tal-benefiċjarji, l-ispiża medja tal-preparazzjoni ta' applikazzjoni, għas-16-il benefiċjarju awditjati, kienet ta' EUR 105 000.

[12] Mis-16-il proġett awditjat, 14-il benefiċjarju, jew 87 % użaw konsulenti.

[13] Il-Premessa 4 għar-Regolament (KE) Nru 1692/2006 u l-Premessa 8 għar-Regolament (KE) Nru 923/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1692/2006 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 1) indikaw aspettattiva li ħafna intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kienu se jipparteċipaw fil-programm. Bħala riżultat tal-kumplessità tal-programmi, l-ispejjeż għoljin u l-limiti għoljin li taħthom ma kienx se jkun hemm kofinanzjament, 24 % biss tal-benefiċjarji tal-MP kienu SMEs (*Sors: data tal-EACI*).

## INĊERTEZZA DWAR KEMM TRAFFIKU FIL-FATT ĠIE MĊAQLAQ LIL HINN MIT-TOROQ,…

**27.** Il-Kolonna 4 tat-***Tabella 1*** tagħti ċifri għall-volumi rrappurtati ta' merkanzija mċaqalqa lil hinn mit-toroq. L-awditu ma setax jikseb assigurazzjoni li dawn kienu affidabbli. L-ewwel nett, fejn servizzi eżistenti ġew mtejba, il-volumi ta' merkanzija ddikjarati bħala li ġew trasportati bl-istess rotta qabel il-bidu tal-proġett ġew aċċettati mill-EACI mingħajr ebda kontroll (dawn il-kwantitajiet jiġu mnaqqsa fl-ikkompletar tal-proġett biex iż-żieda fiċ-ċaqliq modali tkun tista' tiġi kkalkulata). It-tieni nett, l-ewwel awditi finanzjarji *ex-post* tal-volumi ta' ċaqliq modali rrappurtati, li l-EACI kkompletat biss fl-2011, żvelaw żbalji[14] u każ wieħed ta' rappurtar ibbażat fuq piż gross minflok fuq piż nett.

**28.** L-awditu tal-Qorti ta' 16-il proġett żvela li proġett wieħed biss kellu figuri eżatti għall-kwantitajiet peżati mal-wasla fit-terminals. F'sitt każijiet, l-għodda użata biex tirreġistra l-piż nett ma kinitx disponibbli għal it-testjar ta' fuq il-post u għad-disa' proġetti l-oħra, din l-għodda wriet affidabbiltà limitata tar-rendikont tal-entrati u tar-riskju akbar ta' pagamenti eċċessivi. Pereżempju, fi proġett wieħed l-ebda indikazzjoni ta' piż ma kien mogħti fuq id-dokument tat-trasport (CMR[15]), u f'ieħor it-testijiet biex jiġi kkumparat il-piż irreġistrat fis-sistema mal-piżijiet iddikjarati fis-CMRs korrispondenti ma qablux u l-benefiċjarju ma kienx ċert jekk kienx irrapporta piżijiet grossi jew netti lill-EACI.

## … U NOFS IL-PROĠETTI AWDITJATI HUMA TA' SOSTENIBBILTÀ LIMITATA…

**29.** Billi l-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' darba li mhumiex sostenibbli kieku jservi ftit li xejn skop, il-proġetti ffinanzjati huma mistennija li jsiru vijabbli matul l-eżistenza tagħhom, jiġifieri fi ħdan massimu ta' tliet snin, u li jkomplu l-operazzjoni tagħhom wara. Għalkemm ir-Regolamenti jinvokaw is-sostenibbiltà b'mod speċifiku bħala waħda mill-kundizzjonijiet ta' finanzjament[16], din la ġiet adottata fil-ftehimiet ta' għotja u lanqas ma ġiet iċċekkjata s-sostenibbiltà wara l-ikkompletar tal-proġett.

[14] F'wieħed mir-rapporti ġie identifikat mill-EACI żball *ex ante* ta' 20 %.

[15] Il-polza tat-tagħbija CMR huwa dokument użat fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq, ibbażat fuq il-"Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road" (Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija) (Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, iffirmata f'Ġinevra fid-19 ta' Mejju 1956).

[16] L-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Programm Marco Polo) (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1) u l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1692/2006.

**30.** Barra minn dan, l-ambjent operazzjonali diffiċli b'mod partikolari għall-ferroviji kkontribwixxa għal sostenibbiltà fqira. Benefiċjarji li stabbilixxew servizzi ferrovjarji iffaċċjaw riskji operazzjonali għoljin u, waqt l-operat, esperjenzaw diffikultajiet bil-kumpaniji ferrovjarji nazzjonali minħabba xogħlijiet ta' manutenzjoni imprevisti, strajks ferrovjarji u tal-portijiet u n-nuqqas ta' interoperabbiltà. F'wieħed mill-proġetti awditjati, dan wassal għall-kanċellazzjoni ta' 20 % tat-tluq ippjanat fuq il-perjodu sħiħ tal-proġett; f'ieħor, waqt it-tielet sena ta' operazzjoni, kien hemm 44 inċident li kkawżaw dewmien fil-konsenja u interruzzjonijiet fis-servizz li damu aktar minn ġimgħa; fi proġett ieħor il-benefiċjarju kien imġiegħel li jagħmel erba' tibdiliet tal-lokomottiva matul ir-rotta mill-impjant għall-produzzjoni Rumena tiegħu saċ-ċentru ta' distribuzzjoni tiegħu fit-tramuntana tal-Italja.

**31.** Ħafna benefiċjarji tal-programm għalhekk iddeċidew li jtemmu l-proġetti ferm qabel tmiem il-kuntratti tagħhom, u ħafna minn dawk li kkompletaw proġett jew temmew jew bidlu b'mod sinifikanti l-ambitu tas-servizz wara li l-finanzjament tal-proġett kien spiċċa. Għal 6 mis-16-il proġett awditjati mill-Qorti, is-servizz issussidjat ma kienx għadu operazzjonali fiż-żmien tal-awditu (minħabba volumi insuffiċjenti jew minħabba li wieħed mill-imsieħba rtira jew falla) u tnejn oħra komplew imma tnaqqsilhom l-ambitu.

### ... U L-PROĠETTI KIENU SE JINBDEW ANKE MINGĦAJR FINANZJAMENT MILL-UE

**32.** L-evidenza mill-proġetti tal-Marco Polo awditjati mill-Qorti wrew li l-finanzjament mill-UE ppermettewlhom li jibdew il-proġetti aktar kmieni, li jżidu l-iskala tas-servizz jew li jkollhom redditu aktar kmieni fuq l-investiment tagħhom.

**33.** Iżda, l-awditu sab ukoll indikazzjonijiet serji ta' piż mejjet billi:

— 13 mis-16-il benefiċjarju awditjati kkonfermaw li kieku kienu jibdew u joperaw is-servizz ta' trasport anke mingħajr sussidju;

— L-evalwatur Ecorys indika li l-maġġoranza tal-proġetti kieku kienu jibdew ukoll mingħajr sussidju[17]

— Il-Kummissjoni, bħala maniġer tal-programm, indikat fl-aktar rapport reċenti tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill[18] li "42 % tal-benefiċjarji ddikjaraw li l-proġetti tagħhom kienu definittivament jitkomplew mingħajr il-fondi Marco Polo".

[17] "Evaluation of the Marco Polo I programme" (Evalwazzjoni tal-programm Marco Polo I), Ecorys, is-7 ta' Novembru 2007, il-paragrafu 3.6.

[18] COM(2012) 675 finali tal-21 ta' Novembru 2012, p. 6.

34. Dan huwa spjegat mill-fatt li (i) it-trasport ta' merkanzija tqila fuq distanzi twal kieku xorta juża l-baħar, il-ferroviji jew il-passaġġi tal-ilma interni għal raġunijiet ta' spejjeż, speċjalment jekk il-vjeġġi jistgħu jiġu ppjanati minn qabel, u (ii) il-finanzjament tal-MP tant ikopri biċċa zgħira mill-ispiża totali tal-proġett li ma jistax jitqies bħala inċentiv reali (fis-16-il proġett awditjati mill-Qorti, is-sussidju kopra biss 2,8 % tal-ammont investit mill-benefiċjarji).

## IL-ĠESTJONI TA' KULJUM TAL-ISKEMA TJIEBET GRADWALMENT,...

35. B'konformità mal-prattika normali tal-Kummissjoni, ix-xogħol tal-EACI huwa ggwidat minn Programm ta' Ħidma Annwali (AWP) approvat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tissorvelja l-ġestjoni ta' kuljum tal-programmi MP permezz tar-rapporti ta' kull tliet xhur mill-EACI, laqgħat ta' koordinazzjoni ta' kull tliet xhur u ta' darbtejn fis-sena, u laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija ta' kull tliet xhur. Uffiċjal għall-politika ddedikat full-time mill-Kummissjoni għandu kuntatti regolari mal-maniġment u mal-persunal tal-EACI u jipparteċipa f'laqgħat ta' ħidma u, kultant, fi żjarat fuq il-post. L-EACI tipproduċi Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) fejn tqabbel il-prestazzjoni reali mal-AWP.

36. Il-Qorti sabet li l-EACI tejbet il-ġestjoni tal-proġetti tal-MP matul iż-żmien billi, fost affarijiet oħra, (i) għamlet il-proċedura tal-għażla tal-proġetti iktar stretta biex tiżgura li proġetti ta' kwalità għolja biss jiġu magħżula, (ii) organizzat helpdesk u mailbox funzjonali għal applikanti potenzjali, li ġew ikkunsidrati utli u effettivi mill-benefiċjarji awditjati, (iii) ikkontribwixxiet għall-bażi tal-għarfien tal-Kummissjoni permezz ta' rapporti analitiċi, (iv) wettqet monitoraġġ regolari tal-proġetti finanzjati u (v) naqqset id-dewmien fil-pagamenti.

### ... IŻDA KIEN HEMM ANALIŻI INSUFFIĊJENTI TAL-ĦTIĠIJIET TAS-SUQ...

37. Il-programmi MP kienu mfassla biex jipprovdu finanzjament mill-UE biex jingħata kumpens parzjali għan-nefqa kunsiderevoli mġarrba mill-istabbiliment mill-ġdid, jew l-iżvilupp ta' servizzi tat-trasport eżistenti, bl-istennija li ż-żieda fil-provvista ta' dawn is-servizzi kienet se toħloq domanda tas-suq ("top-down supply-push"[19]).

[19] "Ex-ante evaluation report on MP II" (Rapport ta' evalwazzjoni *ex ante* dwar l-MP II), Ecorys, il-15 ta' Ġunju 2004, il-Kapitolu 6.3.

**38.** L-istruttura taż-żewġ programmi MP kienet ibbażata fuq proposta tal-Kummissjoni[20] li użat l-eżitu ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati organizzata qabel inbeda kull wieħed mill-programmi.[21]

**39.** Iżda, il-Qorti ma tqisx dan bħala suffiċjenti billi l-operaturi se jbiddlu biss minn trasport bit-triq għal mezzi ta' trasport oħra taħt kundizzjonijiet normali tas-suq jekk iċ-ċirkustanzi (normalment spejjeż, ħin, affidabbiltà, volumi biex jiġu ttrasportati u viċinanza tat-terminals) jirrekjedu tali bidla. Għalhekk, biex jiġi mfassal programm ta' appoġġ ta' suċċess għas-servizzi tat-trasport, imissu l-ewwel kien hemm analiżi dwar għalfejn servizzi tat-trasport multimodali ma kinux qegħdin jiġu maħluqa, jew żviluppati, taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, u kif tegħleb l-ostakli jew il-barrieri potenzjali li jxekklu jew ifixklu l-ħolqien jew l-iżvilupp ta' tali servizzi.

**40.** Sa mill-2007, il-potenzjal għal effettività tal-programmi MP kompliet tonqos bħala riżultat ta' kawżi esterni: il-kriżi finanzjarja u ekonomika naqqset il-volumi kumplessivi ttrasportati (ara l-paragrafu 18), u deċiżjonijiet minn kumpaniji ferrovjarji nazzjonali biex iwaqqfu konsenji ta' vagun waħdieni għal raġunijiet ta' spejjeż interni kellhom l-effett immedjat li jobbligaw kumpaniji iżgħar li jirrikonvertu rotot multimodali għal trasport bit-triq biss. Barra minn dan, issa tista' tiġi mistennija ċaqliqa modali bil-maqlub (mill-vapuri għat-triq) minħabba leġiżlazzjoni adottata reċentement[22].

### ... U AZZJONI KORRETTIVA SETGĦET ITTIEĦDET QABEL

**41.** Rapport ta' evalwazzjoni[23] tal-2007 semma numru ta' problemi relatati mal-ewwel programm Marco Polo, bħal livelli limitu mhux xierqa, inflessibbiltà fuq ir-regoli dwar tkm, u regoli mhux ċari u kumplessi dwar il-preżentazzjoni, l-għażla u l-kuntrattazzjoni ta' proġetti. Iżda l-Kummissjoni, permezz tal-monitoraġġ tagħha tal-proġetti u tal-programmi, kienet konxja mid-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti u mid-diffikultajiet biex tinkiseb il-mira qabel (sa minn Marzu 2006).

[20] COM(2002) 54 finali tal-4 ta' Frar 2002.

[21] EG. ara "Ex-ante evaluation report on MP II" (Rapport ta' evalwazzjoni *ex-ante* dwar l-MP II), Ecorys, il-15 ta' Ġunju 2004, il-Kapitoli 2 u 7.

[22] L-ispejjeż tal-fjuwil għat-trasport marittimu se jiżdiedu sostanzjalment mill-2015 bħala riżultat ta' regoli ġodda fuq il-kubrit u limiti ġenerali ġodda fuq il-kubrit addottati f'Settembru 2012. Dan se jirritorna parti mill-merkanzija li attwalment tinġarr bil-vapuri lura għat-toroq. Sors: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) "Technical report" (Rapport tekniku), 13.12.2010 u COM(2011) 439 finali tal-15 ta' Lulju 2011.

[23] "Evaluation of the Marco Polo I programme" (Evalwazzjoni tal-programm Marco Polo I), Ecorys, is-7 ta' Novembru 2007.

**42.** Il-valutazzjoni tal-impatt (IA)[24] tal-2008 pprevediet numru ta' opzjonijiet biex jittejbu l-programmi billi inkludiet reviżjoni sħiħa tal-bażi legali, tal-waqfien tal-programm jew tal-introduzzjoni ta' bidliet fl-MP II. Il-proposta tal-Kummissjoni kienet limitata għal emendi baġitajri u tekniċi għall-MP II[25] (bħall-irdoppjar tal-ammont tas-sussidju, il-kunsiderazzjoni ta' kontenituri vojta u tal-piż ta' vettura bħala kwantitajiet ta' merkanzija eliġibbli, it-tbaxxija tal-livelli limitu u ż-żieda ta' flessibbiltà) fi sforz biex iżżid l-attrattività tal-programm. Iżda dawn il-miżuri ma rrimedjawx id-dgħufijiet importanti tal-programm enfasizzati hawn fuq.

**43.** Il-Kummissjoni lanqas ma għamlet valutazzjoni fil-fond tal-iskemi nazzjonali ta' appoġġ għall-multimodalità tal-Istati Membri bl-għan li tikseb tagħlimiet għall-possibbiltà ta' tfassil mill-ġdid tal-programmi MP. Il-Qorti tqis li hemm tagħlimiet x'jinkisbu minn programmi nazzjonali li jaħdmu fuq in-naħa tad-domanda b'nefqa amministrattiva limitata billi jħallsu somom sħaħ direttament lil operaturi tat-trasport bit-triq li jiddeċiedu li jċaqalqu t-trakkijiet jew il-kontenituri tagħhom mit-triq għall-vapuri jew għall-ferroviji (eż. "Ecobonus" u "Ferrobonus" fl-Italja[26]). F'pajjiż wieħed (l-Awstrija), l-iskemi nazzjonali jikkontribwixxu wkoll għal investimenti fl-infrastruttura fil-proporzjon ta' ċaqliq modali mistenni għal volumi fil-fatt imċaqalqa.

[24] SEC(2008) 3022 tal-10 ta' Diċembru 2008, l-Opzjoni C.

[25] Ir-Regolament (KE) Nru 923/2009.

[26] L-amministrazzjoni Taljana ġestiet iż-żewġ programmi b'baġit ta' EUR 235 miljun (li minnhom tħallsu EUR 193,5 miljun, rata ta' użu ta' 82,3 %) bi 15-il impjegat FTE u bi spiża ta' mhux aktar minn EUR 970 000 fis-sena, li twassal għal nefqa amministrattiva ta' 1,2 % tal-baġit totali tal-programm.

# KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**44.** Il-programmi Marco Polo huma parti mill-objettiv tal-politika tat-trasport li jiġu żviluppati alternattivi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq fi ħdan l-UE. Il-Qorti sabet il-programmi ineffettivi minħabba li (i) il-miri stabbiliti ntlaħqu sa grad limitat ħafna, (ii) kellhom ftit li xejn impatt fuq iċ-ċaqliq tat-trasport ta' merkanzija lil hinn mit-toroq, u (iii) ma hemm l-ebda *data* biex jiġu vvalutati l-benefiċċji mistennija tat-tnaqqis tal-impatt ambjentali tat-trasport ta' merkanzija, tat-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku u tat-titjib tas-sigurtà fit-toroq.

**45.** Il-mekkaniżmu użat għall-pagamenti tal-programmi għamel l-iżborżament tal-finanzjament mill-UE kundizzjonali fuq riżultati u l-proġetti normalment kienu jipprovdu benefiċċji akbar għall-komunità usa'. Iżda ma kienx hemm biżżejjed proposti ta' proġetti rilevanti mressqa minħabba s-sitwazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet dissważivi għall-ambjent tan-negozju (jiġifieri tul tal-proċeduri, riskji, kumplessità u spejjeż amministrattivi). Barra minn hekk (i) hemm inċertezza dwar kemm traffiku ġie fil-fatt imċaqlaq lil hinn mit-toroq, (ii) is-servizzi (il-proġetti) finanzjati kienu f'ħafna każi mnaqqsa b'mod sinifikanti fl-ambitu jew ma tkomplewx u (iii) hemm evidenza li ħafna proġetti kienu se jinbdew anke mingħajr finanzjament mill-UE.

**46.** Il-ġestjoni ta' kuljum tal-programmi tjiebet matul iż-żmien. Fost affarijiet oħra, metodoloġija soda għall-għażla ta' proġetti tiżgura li proġetti ta' kwalità għolja biss jiġu magħżula. Iżda l-Kummissjoni ma wettqitx analiżi adegwata tas-suq biex tivvaluta l-potenzjal għal suċċess, ma kkunsidratx żviluppi ġodda u ma ħaditx azzjoni korrettiva fil-ħin biex tittratta l-ineffettività tal-programm.

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**

Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għandhom:

(a) Jikkunsidraw li jtemmu l-finanzjament mill-UE għal servizzi tat-trasport ta' merkanzija li jsegwu l-istess tfassil bħall-programmi Marco Polo ("top-down supply-push" (spinta lill-provvista minn fuq għal isfel) li wasslu b'mod partikolari għad-dgħufijiet identifikati f'dan ir-rapport (rispons insuffiċjenti għas-suq, assenza ta' evidenza dwar l-ilħuq tal-objettivi, piż amministrattiv kbir, sostenibbiltà fqira u piż mejjet).

(b) Jagħmlu possibbli l-kontinwazzjoni ta' finanzjament għal proġetti bħal dawn kundizzjonali fuq valutazzjoni tal-impatt *ex ante* li turi jekk hemmx u sa fejn hemm valur miżjud tal-UE. Din kieku tirrekjedi analiżi tas-suq iddettaljata dwar id-domanda potenzjali mill-operaturi u l-kunsiderazzjoni tal-aħjar prattiki ta' skemi nazzjonali ta' appoġġ simili. Huwa biss fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva fir-rigward ta' azzjoni sinifikanti tal-UE f'dan il-qasam, li l-Kummissjoni għandha b'mod partikolari:

(i) Tistabbilixxi miri realistiċi għall-volumi ta' merkanzija li għandhom jiġu mċaqalqa lil hinn mit-toroq; teżamina b'mod regolari l-prodotti u r-riżultati tal-programmi u tieħu azzjoni fil-pront biex tirrimedja nuqqasijiet fir-rigward tal-miri stabbiliti;

(ii) Tagħmel il-finanzjament mill-UE kundizzjonali fuq ir-riżultati (pereżempju, pagamenti *pro-rata* għal volumi rreġistrati mċaqalqa lil hinn mit-toroq);

(iii) Tivvaluta l-ħtiġijiet, il-limiti u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-infrastruttura u tat-tagħmir biex taqsam parti mir-riskju mal-operaturi li jibnu faċilitajiet biex iżidu t-trasport multimodali;

(iv) Teżerċita miżuri biex tittratta b'mod effettiv il-barrieri tekniċi, operazzjonali u infrastrutturali li jistgħu jkunu detrimentali għall-effettività tal-proġetti, pereżempju fejn jikkonċerna traffiku ferrovjarju transkonfinali;

(v) Tiżgura li *data* adegwata hija disponibbli biex turi l-prestazzjoni miksuba mill-azzjonijiet finanzjati;

(vi) Tnaqqas, preferibbilment għal sitt xhur, iż-żmien neċessarju għall-għażla u għall-kuntrattazzjoni tal-proġetti;

(vii) Tagħmel is-sostenibbiltà tal-proġetti għal mill-inqas tliet snin wara l-ikkompletar kundizzjoni neċessarja;

(viii) Tittratta l-fenomenu ta' piż mejjet, billi tindirizzah meta tevalwa l-proġetti.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Harald NOACK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' April 2013.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

## DETTALJI TAL-PROĠETTI KAMPJUNATI

| Proġetti awditjati | Sejħa | Pajjiż | Deskrizzjoni qasira tal-kontenut tal-proġett |
|---|---|---|---|
| MP I | | | |
| AIN | 2003 | il-Belġju | Titjib tat-trasport intermodali bil-barkun u bil-ferroviji minn u sal-port ta' Antwerp: żieda fil-frekwenza tas-servizzi eżistenti jew bidja ta' servizzi ġodda b'antiċipazzjoni ta' problemi ta' konġestjoni li jirriżultaw minn xogħlijiet fit-triq ippjanati fuq iċ-ċirku ta' Antwerp. |
| DUE LOKO-MOTION | 2003 | il-Ġermanja | Proġett li jipprovdi servizzi ta' trazzjoni ferrovjarja u trazzjoni kontinwa interoperabbli bil-lokomottiva multikurrenti (multi-current) ġdida għal servizz tal-blokk bit-triq u ferrovjarju bejn Munich (Riem, il-Ġermanja) u Cervignano del Friuli (l-Italja). |
| BRIDGE OVER EUROPE | 2004 | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Konnessjoni (bit-tbaħħir fil-qosor/ferrovjarja/bit-triq) multimodali mal-peniżola tal-Iberja, b'fokus prinċipali fuq tagħmir ta' kontenituri ta' 45 pied, li toffri alternattiva vijabbli u kosteffettiv għal trasport bit-trejler min-Nofsinhar għat-Tramuntana għan-Nofsinhar. |
| BASS | 2005 | il-Ġermanja | Proġett biex jiżdied il-proporzjon ta' trasport bil-baħar tal-volum ġenerali tat-traffiku tal-merkanzija bejn l-Ewropa tal-Punent u l-Ewropa ċentrali min-naħa l-waħda u bejn l-Istati Baltiċi u l-Komunità ta' Stati Indip-endenti (KSI) min-naħa l-oħra. |
| NEPOL EXPRESS | 2005 | il-Ġermanja | Proġett biex titmexxa konnessjoni ferrovjarja skedata regolarment bejn Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) u Poznan-Franowo (il-Polonja). |
| LUNA | 2006 | l-Italja | Servizz mekkuk (shuttle service) ferrovjarju kkombinat li jgħaqqad l-Italja, il-Ġermanja u s-suq Skandinavu permezz tal-Isvizzera. |
| RAIL | 2006 | il-Belġju | Il-proġett jikkonċerna żewġ rotot ferrovjarji: lejn/għal Golbey (FR) u lejn/għat-Tramuntana ta' Spanja (Tarragona/Barċellona) permezz tat-terminal bit-triq/ferrovjarju f'Le Boulou (FR), konnessi ma' xulxin permezz ta' punt ċentrali ferrovjarju. |
| LORRY RAIL | 2006 | Il-Lussemburgu | Servizz ferrovjarju intermodali mit-Tramuntana għan-Nofsinhar għat-trasport ta' trejlers mhux akkumpanjati bejn terminals ferrovjarji f'Bettembourg (il-Lussemburgu) u Le Boulou (Perpignan) bl-użu ta' teknoloġija speċjali. |

| Proġetti awditjati | Sejħa | Pajjiż | Deskrizzjoni qasira tal-kontenut tal-proġett |
|---|---|---|---|
| **MP II** | | | |
| **GULF-STREAM** | 2007 | Franza | Proġett biex jipprovdi kollegament marittimu dirett bejn Poole (xatt tan-Nofsinhar tar-Renju Unit) u Santander (it-Tramuntana ta' Spanja) biex jintuża minn trakkijiet li ma jistgħux jaqsmu Franza bit-triq minħabba projbizzjonijiet ta' tmiem il-ġimgħa fuq Franza kontinentali. |
| **ITABEL EXPRESS** | 2007 | l-Italja | Konnessjoni ferrovjarja tal-blokka regolari minn Pescara (l-Italja ċentrali/in-Nofsinhar tal-Italja) sa Mechelen (il-Belġju) għal apparati domestiċi. |
| **SIRIUS 1** | 2007 | Franza | Proġett għall-provvista tal-ilma bil-ferroviji bejn l-impjant Franċiż tal-produzzjoni u s-suq Ġermaniż. |
| **VIKING RAIL** | 2007 | il-Ġermanja | Servizz mekkuk ferrovjarju bejn il-Ġermanja u l-Isvezja biex jagħmel kollegament bejn forirturi ta' partijiet tal-karozzi lokalizzati fil-Ġermanja u s-sit ta' manifattura f'Gothenburg. |
| **EURO-REEFER** | 2008 | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Servizz ferrovjarju għat-trasport ta' kontenituri mkessħin ta' prodotti tal-ħalib u prodotti oħra li jitħassru, bi tluq ta' kuljum minn Genk (il-Belġju) għal Busto Arsizio (l-Italja); Zabrze (il-Polonja) għal Salzburg (l-Awstrija) u Piacenza u Padova (l-Italja); Busto Arsizio (l-Italja), Slawkow (il-Polonja) u Budapest (l-Ungerija) għal Zeebrugge (il-Belġju); Munich (il-Ġermanja) għal Duisburg (il-Ġermanja); u Herne (il-Ġermanja) għal Norrköping (l-Isvezja). |
| **KTS** | 2008 | l-Italja | Servizz tal-blokka ferrovjarju biex jagħmel kollegament bejn impjanti varji tal-manifattura fil-Ġermanja, is-Slovakkja u r-Rumanija u ċentru ta' distribuzzjoni f'San Vito al Tagliamento (l-Italja). |
| **OFE** | 2008 | il-Belġju | Proġett biex jiġi operat kuritur ferrovjarju regolari għal kontenituri minn Zeebrugge u Antwerp (il-Belġju) għal Ottmarsheim (Franza). |
| **SCADAE** | 2008 | l-Italja | Proġett biex jiġi stabbilit servizz dirett mill-porti Adrijatiċi ta' Koper (is-Slovenja), Venezja, Ravenna u Ancona (l-Italja) għal Tessalonika (il-Greċja), Istanbul u Izmir (it-Turkija). |

## TQABBIL TAL-KOEFFIĊJENTI KALKULATURI TAL-MP MAŻ-ŻMIEN[1]

| Mezz tat-trasport | Sottotipi | Sejħa 2003[2] | Sejħa 2004[3] | Sejħa 2011 taċ-ċaqliq modali biss[4] | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bit-triq** | | 0,024 | 0,035 | 0,018 | | | |
| **Ferroviji** | Diżil | 0,012 | 0,015 | 0,015 | | | |
| | Elettriku | | | 0,004 | | | |
| **Passaġġi tal-ilma interni** | 1000-1500T | 0,005 | 0,010 | 0,014 | | | |
| | (inklużi mħallta/ mhux magħrufa) | | | 0,013 | | | |
| | >3000T | | | 0,010 | | | |
| | | | | Fjuwil konvenzjonali[5] | LNG | Tisfija tal-ilma baħar | Tisfija tal-ilma ħelu |
| **Tbaħħir fil-qosor** | Ġenerali/ingrossa | 0,004 | 0,009 | 0,007 | 0,000 | 0,004 | 0,004 |
| | Bastiment għat-trasport ta' kontenituri | | | 0,005 | 0,000 | 0,003 | 0,003 |
| | Ro/Pax (<17kn) | | | 0,005 | 0,000 | 0,003 | 0,003 |
| | Ro/Pax (17-20kn) | | | 0,009 | 0,000 | 0,005 | 0,005 |
| | Ro/Pax (20-23kn) | | | 0,013 | 0,001 | 0,008 | 0,008 |
| | Ro/Pax (>23kn) | | | 0,020 | 0,001 | 0,011 | 0,011 |

1 *Sors*: *Data* tal-KE/EACI ikkumpilata mill-Qorti.
2 *Sors*: Sejħa għall-proposti tal-2003, ĠU C 245, 11.10.2003, p. 52.
3 *Sors*: Sejħa għall-proposti tal-2004, ĠU C 255, 15.10.2004, p. 8
4 Ara s-sejħa għall-proposti tal-2011, ĠU C 309, 19.10.2011, p. 12.
5 Il-koeffiċjenti jonqsu aktar jekk jiġi użat fjuwil b'livell baxx ta' kubrit.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

**III.**

Il-programmi wasslu għal bidla modali importanti. Marco Polo hu dwar l-għoti ta' inċentivi limitati biex wieħed jaqleb minn soluzzjonijiet tat-trasport bit-triq għal sistemi intermodali aktar kumplessi u diffiċli biex jiġu implimentati. Il-programm Marco Polo I (MP i) li diġà tlesta laħaq minimu ta' 22 biljun tkm waqt li nefaq 41 % tal-baġit; ir-riżultati finali għall-programm Marco Polo II (MP II) għadhom mhumiex disponibbli għaliex għadu għaddej.

Il-mira prinċipali kwantifikabbli ta' MP I kienet "li ċċaqlaq iż-żieda annwali aggregata mistennija" fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bit-triq". MP II huwa mistenni jċaqlaq "parti sostanzjali" ta' din iż-żieda.

Meta wieħed iqis il-baġit kumplessiv allokat għal Marco Polo mill-awtorità leġiżlattiva u d-daqs tal-programm fl-isfond tas-settur tat-trasport tal-UE (MPI irrappreżent biss 0,01 % u MPII madwar 0,05 % tal-baġit tal-UE), il-Kummissjoni ma stennietx bidla sinifikanti fil-bilanċ bejn il-modi fil-livell tal-UE.

Marco Polo jippermetti għal kwantifikazzjoni tar-riżultati tal-programm, espressi f'termini ta' bidla modali. Bl-użu tal-kalkolatur ta' MP (in-nota 9 ta' qiegħ il-paġna fl-osservazzjonijiet tal-Qorti) huwa possibbli li wieħed jistima l-benefiċċji ambjentali u l-iffrankar tal-kostijiet esterni miksuba mill-programm. Din hija karatteristika eċċezzjonali ta' Marco Polo.

**IV.**

Il-programmi għandhom mekkaniżmu eċċezzjonali, billi l-iżbors tal-finanzjament huwa kundizzjonali fuq ir-riżultati. Dan jorbot sew l-approprjazzjonijiet finanzjarji mal-objettivi ġenerali tal-programm, inkluża kwantifikazzjoni tal-bidla modali miksuba.

Il-programm għandu l-għan li jintlaħaq bilanċ bejn ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju u tar-regoli tal-finanzjament deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fir-Regolamenti li jistabbilixxu l-programmi Marco Polo u l-ħtiġijiet tan-negozju. Il-kundizzjonijiet tad-dħul kienu mfasslin sabiex jirriflettu l-karatteristiċi ibbażati fuq ir-riżultati tal-Programm u sabiex jiżguraw livelli xierqa ta' kontroll amministrattiv. Dawn il-kundizzjonijiet tad-dħul kienu riveduti u mmodifikati matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' Marco Polo sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-programm.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proġetti Marco Polo kienu partikolarment sensittivi għall-kriżi ekonomika. Din hija waħda mir-raġunijiet li wasslu għal għadd ta' proġetti inqas milli mixtieq appoġġjati mill-programm.

Mill-2010, l-EACI introduċiet ċertifikati kumplimentari ta' awditu, li taw ċertezza addizzjonali għall-merkanzija ttrasportata mill-proġetti ta' Marco Polo. Din hija waħda mill-miżuri korrettivi introdotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-programm.

Il-Kummissjoni tqis li s-servizzi tat-trasport iffinanzjati kienu ta' sostenibbiltà sodisfaċenti. L-evalwazzjonijiet esterni magħmula fuq il-programmi Marco Polo (ECORYS, 2007 u 'Europe economics', 2011) juru li b'mod ġenerali l-maġġoranza tas-servizzi (72 % skont 'Europe economics') ikomplu f'xi forma jew oħra wara t-tmiem tal-ftehim tal-għotja (l-adattament għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq).

Il-benefiċjarji kkonfermaw li s-sussidju ta' MP ppermetta lill-proġetti tagħhom biex jibdew iktar kmieni u jżidu l-iskala tagħhom.

**V.**
Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li:

1) Għal MP I twetqet analiżi tas-suq rilevanti fil-qafas ta' proċess ta' konsultazzjoni pubblika u evalwazzjoni *ex ante* twettqet għal Marco Polo II fl-2004;

2) Abbażi tar-reazzjoni għall-politika, il-programmi kienu suġġetti għal emendi u modifiki rilevanti u f'waqthom matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.[1]

3) Azzjonijiet korretiivi kienu introdotti f'waqthom u skont il-prattiki standard u l-proċeduri eżistenti.

[1] Ir-Regolamenti 1382/2003, 1692/2006, 923/2009 u għadd ta' bidliet introdotti ad hoc fil-mandat legali stabbilit mir-Regolamenti msemmija hawn fuq;

**VI.**
Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet.

Fir-rigward tad-"dgħufijiet" identifikati f'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tfakkar fil-pożizzjoni tagħha kif ipprovduta fit-tweġibiet għal paragrafi 15, 16, 26, 27, 31 u 33.

Il-Kummissjoni hija konxja li l-programm Marco Polo kellu għadd ta' nuqqasijiet. Madankollu, hija wkoll tal-opinjoni li l-programmi MP kienu kapaċi jgħinu l-industrija Ewropea tat-trasport biex tittestja soluzzjonijiet innovattivi u tneħħi ammont mhux negliġibbli ta' traffiku mit-toroq b'konġestjoni fl-UE bi frazzjoni żgħira (minn 0,01 % għal 0,05 %) tal-baġit tal-UE.

Għall-futur, il-Kummissjoni tqis li jkun tajjeb li jkun ipprovdut appoġġ mill-UE għal servizzi innovattivi għat-trasport tal-merkanzija sabiex ifittxu li jilħqu l-objettivi tal-politika tat-trasport tal-UE (servizzi inter-modali integrati, tnaqqis tal-konġestjoni, tnaqqis tal-impatt ambjentali, soluzzjonijiet innovattivi, swieq ġodda u teknoloġiji) u li tiżgura l-aħjar interessi taċ-ċittadini tal-UE li jibbenefikaw minnhom.

Ma kien propost l-ebda finanzjament dedikat għal Marco Polo III għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020, diġà fl-2011 qafas ġenerali għall-appoġġ tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija kien inkluż fil-proposti tal-Kummissjoni għal-linji gwida l-ġodda għan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u għall-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa (CEF).

Kull żvilupp futur ta' azzjonijiet dettaljati fil-qasam ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija taħt il-qafas ġenerali stipulat fil-linji gwida tat-TEN-T, se jkun ibbażat fuq valutazzjoni *ex ante* dedikata li tinkludi analiżi tas-swieq rilevanti u li tqis l-esperjenza u l-aħjar prassi tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti se jitqiesu f'dan il-kuntest.

Madanakollu, huma l-awtoritajiet leġiżlattivi li finalment jiddeterminaw il-qafas futur ta' din l-iskema fil-kuntest tal-QFP, is-CEF u t-TEN-T.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

## OSSERVAZZJONIJIET

**14.**
Fir-rigward ta' "sottoprestazzjoni sinifikanti", il-Kummissjoni tqis li l-eżiti tal-programmi għandhom jiġu eżaminati wkoll fid-dawl tal-bidliet fil-qagħda tas-suq u l-isfidi tal-kriżi ekonomika. Skont iċ-ċifri ppreżentati fit-Tabella 1, f'Marco Polo I (jiġifieri qabel il-kriżi ekonomika) il-miri stabbiliti kienu jikkorrispondu mal-estimu tal-użu mis-suq (bidla impenjata) mill-industrija. Barra minn hekk, għal Marco Polo II, l-ammont ta' bidla impenjata tikkorrispondi wkoll għal parti sostanzjali taż-żieda mistennija ta' 20,5 btk. Barra minn hekk, skont it-Tabella 1 jista' jiġi osservat li, fl-ewwel sena ta' Marco Polo II l-ammont ta' bidliet impenjati huwa ogħla minn 20,5 btk.

**15.**
Il-Kummissjoni tikkunsidra 22,1 biljun tkm imneħħija mit-toroq Ewropej bħala kisba sostanzjali tal-programm MPI, partikolarment fid-dawl ta' 41 % tal-baġit minfuq.

Peress li l-biċċa l-kbira tal-proġetti tkompli wara t-tmiem tal-perjodu ta' finanzjament, x'aktarx li jiġġeneraw ċaqliq modali/evitar tat-traffiku addizzjonali (ara t-tweġiba għal paragrafu 31).

Il-programm wassal ukoll għal benefiċċji kumplimentari. Fuq il-bażi tal-Kalkolatur Marco Polo (ara n-nota 9 ta' qiegħ il-paġna tal-osservazzjonijiet tal-Qorti), iċ-ċaqliq modali ta' 22,1 biljun tkm wasslet għal EUR 434 miljun f'benefiċċji ambjentali u ffrankar ta' kostijiet esterni. Jekk inqabblu dan mal-baġit mħallas lil dawk il-proġetti b'objettiv ta' ċaqliq modali (EUR 32,6 miljun), il-Kummissjoni tqis li kull euro investit iġġenera EUR 13,3 f'benefiċċji ambjentali.

**16.**
Fir-rigward ta' "rispons insuffiċjenti" għas-sejħiet annwali għall-proposti ta' proġetti, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika, li bdiet fl-2008, fuq in-negozju. Barra minn hekk, is-soluzzjonijiet intermodali tat-trasport huma aktar kumplessi mit-trasport ta' merkanzija bit-triq biss. It-tnedija ta' proġett kumpless fi klima ekonomika li sejra għall-agħar iġġorr riskji addizzjonali. Dan wassal għal użu inqas tal-programm milli kien mistenni oriġinarjament, qabel ma faqqgħet il-kriżi. Fl-istess ħin, l-importanza tal-appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija ma naqasx, u l-objettivi politiċi tal-programm Marco Polo baqgħu validi.

### Tweġiba komuni għal paragrafi 19 u 20

Il-Kummissjoni ma stennietx bidla fil-bilanċ bejn il-modi fil-livell tal-UE fid-dawl tad-daqs modest tal-programm MP:

— MPI: EUR 102 miljun, li rrappreżentaw madwar 0,01 % tal-baġit tal-UE għall-perspettiva finanzjarja 2000-2006;

— MPII: EUR 450 miljun, li rrappreżentaw madwar 0,05 % tal-baġit tal-UE għall-perspettiva finanzjarja 2007-2013;

Il-kamp ta' applikazjoni adottat mill-koleġiżlaturi ippermetta biss li, rispettivament, fil-programm MPI tiċċaqlaq "iż-żieda annwali aggregata mistennija fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bit-triq" (li fil-fatt kienet ferm ogħla miċ-ċifri mbassra), u fil-programm MPII tiċċaqlaq "parti sostanzjali miż-żieda annwali aggregata mistennija fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bit-triq".

Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kisbiet kienu sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-objettivi speċifiċi tal-programm.

**23.**
ESTAT ma jiġborx dejta dwar il-konġestjoni fit-toroq u din l-attività mhijiex inkluża fil-Programm Annwali ta' Ħidma Statistika. Fir-rigward tad-dejta dwar l-inċidenti tat-traffiku, il-Kunsill iddeċieda dwar il-ħolqien ta' bażi tad-dejta Komunitarja dwar l-inċidenti tat-triq (CARE) fl-1993[2]. It-tabella annwali tal-ESTAT dwar l-inċidenti hija kompluta kemm jista' jkun realistikament.

Rigward id-dejta pprovduta mill-Kalkolatur ta' Marco Polo, il-Kummissjoni tqis li l-Kalkolatur kien tajjeb skont il-metodoloġiji sottostanti u d-dejta disponibbli u ġie aġġornat hekk kif l-approċċ metodoloġiku għall-valutazzjoni tal-kostijiet esterni kien maqbul fil-livell tal-Kummissjoni[3].

2 *Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KE* (ĠU L329 of 30.12.1993, p. 63-65).

3 Il-manwal tal-2008 dwar l-estimi tal-kostijiet esterni fis-settur tat-trasport u l-Komunikazzjoni "Il-pakkett imsejjaħ 'Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku'"

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Dwar il-livell ta' influwenza reali tal-programm il-Kummissjoni tistima li dan hu13-il euro ta' benefiċċji ambjentali miksuba għal kull euro investit. Barra minn hekk ta' min wieħed jinnota wkoll li:

— filwaqt li t-trasport bit-triq gradwalment sar aktar nadif, kien hemm irrapurtat ukoll progress teknoloġiku minn modi oħra. Għalhekk, id-differenza bejn il-koefiċjenti l-qodma u dawk ġodda tirriżulta mhux biss minn prestazzjoni aħjar tat-trasport bit-triq iżda wkoll minn metodoloġija riveduta użata fil-kalkolatur wara l-2008 (pereżempju: il-prezz tas-$CO_2$, id-differenzjazzjoni dwar tipi ta' bastimenti, il-fjuwils, teknoloġiji ġodda, ferroviji bl-elettriku/bid-diżil eċċ.).

— Xi koeffiċjenti tal-kostijiet għadhom ma ġewx inklużi fil-kalkolatur minħabba diffikultajiet tekniċi mal-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika (pereżempju: il-kostijiet ta' opportunità mitlufa għall-infrastruttura tat-toroq).

Finalment, minkejja li d-differenza bejn it-trasport bit-toroq u l-modi l-oħra tat-trasport naqset, b'mod ġenerali, it-trasport mhux bit-triq għadu aktar favorevoli għall-ambjent mill-ġarr ta' merkanzija mit-trakkijiet. Skont il-kalkolatur, kategorija waħda biss li tirrappreżenta t-trasport mhux bit-triq tagħti riżultati agħar mit-trasport bit-triq.

Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kalkolatur jipprovdi indikazzjoni tajba tal-benefiċċji ambjentali tal-programm MP.

**25.**
Il-kriżi finanzjarja u ekonomika hija waħda mill-akbar fatturi li jfixklu l-użu tal-programm u li taffettwa l-kundizzjonijiet għall-bidu u t-twettiq tal-proġetti Marco Polo, biex b'hekk twassal għal inqas assorbiment ta' approprjazzjonijiet.

Huwa rikonoxxut ukoll li hemm proġetti, li minħabba l-finanzjament MP, jiġġeneraw profitt jew jilħqu punt ta' ekwilibriju aktar kmieni milli kien previst fl-applikazzjonijiet. Peress li l-programm ma jistax iħallas lil proġetti iktar mid-deficit totali esperjenzat matul il-perjodu ta' finanzjament (ir-regola tan-nonprofitt — ara wkoll paragrafu 5), f'xi każijiet is-sussidji mogħtija lil dawn il-proġetti kienu mnaqqsa jew saħansitra rtirati Din is-sitwazzjoni, minkejja li hija pożittiva, wkoll tikkontribwixxi għal anqas użu tal-fondi disponibbli.

**26. (a)**
Iż-żmien meħtieġ biex jiġu żviluppati ideat għall-proġett mill-applikanti huwa lil hinn mill-kontroll tal-Kummissjoni u m'għandux ikun ikkunsidrat meta jiġi kkalkulat iż-żmien biex tingħata l-għotja.

Minħabba l-importanza għall-indikatur taż-żmien għall-għotja, il-proċeduri fil-programm ġew issimplifikati (ir-Regolament ta' emenda 923/2009). Dan ippermetta li jiqsar il-perjodu ta' żmien sal-għotja (pereżempju: 209 ijiem fl-2011).

Fir-rigward ta' bidliet fil-proġetti, il-flessibbiltà għal xi wħud tkun tfisser trattament mhux ugwali għal oħrajn, b'mod partikulari dawk li għażlu li ma japplikawx jew ma kellhomx suċċess. Il-bżonn li jiġi żgurat trattament ugwali u l-evitar ta' kwistjonijeit indebiti ta' kompetizzjoni huma fost il-prinċipji bażiċi waqt il-ġestjoni tal-programm.

Fir-rigward tan-numru ta' "proġetti li ma bdew qatt jew bi tmiem bikri", Marco Polo huwa programm immexxi mis-suq, fejn il-kundizzjonijiet tas-suq u dawk ekonomiċi huma fatturi importanti fis-suċċess tal-proġetti. Billi soluzzjonijiet intermodali tat-trasport huma aktar kumplessi minn sistema tat-trasport purament bit-triq, il-programm kien partikolarment sensittiv għall-kriżi ekonomika. Il-kriżi kienet waħda mir-raġunijiet li tispjega l-għadd ta' proġetti li ma rnexxewx.

**26. (b)**
Ir-regoli applikabbli għal azzjonijiet katalisti fir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 u r-Regolament oriġinali (KE) Nru 1692/2006, parzjalment ippermettew ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba għal infrastruttura anċillari u tagħmir operazzjonali (ara pereżempju l-proġetti Excite, Ocra).

Ir-Regolament (KE) Nru 923/2009 issimplifika r-regoli ta' finanzjament għall-azzjonijiet kollha, fuq il-bażi ta' tliet elementi: bidla modali/evitar tat-traffiku (bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet komuni ta' tagħlim), il-kostijiet eliġibbli u deficit kumulattiv matul il-perjodu ta' finanzjament.

Għalhekk, filwaqt li huwa l-aktar l-investitur li jassumi r-riskju ta' investimenti fl-infrastruttura, fil-passat benefiċjarju seta' jikseb rimborż parzjali ta' spejjeż imġarrba għal infrastruttura għal proġett saldati fuq il-bażi ta' kostijiet eliġibbli.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**26. (c)**
Il-programm għandu l-għan li jintlaħaq bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju u tar-regoli tal-finanzjament deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fir-Regolamenti li jistabbilixxu l-programmi Marco Polo u l-ħtiġijiet tan-negozju.

**26. (d)**
Kostijiet rilevanti relatati mal-iżvilupp tal-proġett huma normalment imġarrba minn kumpaniji li jinsabu wkoll f'sitwazzjoni li jħaddmu n-negozji tagħhom mingħajr appoġġ pubbliku. Hija prassi standard li ċertu livell ta' investiment (pereżempju fl-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' proġetti) għandu jsir f'kull każ biex jinbeda proġett ġdid.

**27.**
Mill-2010, l-EACI introduċiet ċertifikati kumplimentari ta' awditu, li taw ċertezza addizzjonali għall-merkanzija ttrasportata mill-proġetti Marco Polo. Il-Kummissjoni hija konxja madankollu, li dawn ir-regoli ġodda introduċew rekwiżiti addizzjonali għall-benefiċjarji biex b'hekk żiedu l-piż amministrattiv għalihom.

Il-Kummissjoni fl-AAR tagħha rrappurtat rata ta' żbalji residwi ta' 1,9 % għal MPI u 2,9 % għal MPII.

**29.**
Minħabba l-ispeċifiċità tal-proġetti Marco Polo (azzjonijiet kummerċjali), il-kwistjoni tas-sostenibbiltà hija indirizzata b'mod adegwat matul il-proċess ta' evalwazzjoni tal-proposti (bħala parti mill-analiżi tal-kredibilità u tal-vijabilità). Fil-fatt, kwalunkwe regoli aktar stretti (b'mod partikolari dawk li jikkondizzjonaw pagament tas-sussidju fuq is-sostenibbiltà tal-proġetti) mhumiex realistiċi biex ikunu implimentati jew ikkontrollati u mingħajr dubju jiskoraġġixxu l-applikanti mill-programm minħabba riskju akbar ta' negozju fil-każ li l-kundizzjonijiet tas-suq jinbidlu.

**30.**
Din il-konklużjoni turi biċ-ċar il-kumplessità tal-ambjent tan-negozju għall-proġetti ffinanzjati minn Marco Polo u kemm hu xieraq l-approċċ li ntgħażel fir-rigward tas-sostenibbiltà.

Turi wkoll xi jfisser Marco Polo, jiġifieri li jagħti inċentivi limitati biex wieħed jaqleb minn soluzzjonijiet ta' trasport bit-triq relattivament faċli, irħis u mhux riskjuż għal sistemi intermodali. aktar kumplessi u diffiċli biex jiġu implimentati.

**31.**
L-evalwazzjonijiet esterni magħmula fuq il-programmi Marco Polo (ECORYS, 2007 u 'Europe Economics', 2011) juru li b'mod ġenerali l-maġġoranza tas-servizzi (72 % skont 'Europe Economics') ikomplu f'xi forma jew oħra wara t-tmiem tal-ftehim tal-għotja (l-adattament għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq). Waqt li tqis l-ambjent dinamiku għan-negozji, il-klima ekonomika negattiva mill-2008 u l-kumplessità ta' soluzzjonijiet intermodali meta mqabbla mat-trasport bit-triq biss, il-Kummissjoni tqis din iċ-ċifra sodisfaċenti.

Dan jindika li finanzjament f'terminu qasir ħoloq bidla fit-tul anke fil-kundizzjonijiet tas-suq attwali li qed jevolvu. B'riżultat ta' dan, il-programmi huma mistennija jiġġeneraw benefiċċji addizzjonali f'termini ta' bidla modali/evitar tat-traffiku u l-iffrankar ta' kostijiet esterni meta jintemm iċ-ċiklu tal-ħajja kuntrattwali.

**33.**
Il-Kummissjoni tqis li l-programm għandu b'mod ċar valur miżjud għall-proġetti awditjati, għaliex, minkejja d-deadweight iddikjarat minn 42 % tal-benfiċjarji li pparteċipaw fl-istħarriġ, il-finanzjament tal-UE ppermettitilhom li jibdew iktar kmieni, li jżidu l-iskala tas-servizz jew li jkollhom ritorn aktar kmieni fuq l-investiment.

Il-fenomenu tad-deadweight huwa diffiċli li jiġi kkwantifikat peress li jista' jkun hemm ħafna fatturi li jistgħu jaffettwaw ir-riżultati pereżempju il-kwistjoni ta' sostenibbiltà (mistoqsija dwar jekk il-proġetti kienux ikunu sostenibbli mingħajr is-sussidju), il-fattur tal-multiplikazzjoni (l-akbar proġetti jiġġeneraw ħafna aktar ċaqliq modali), il-kredibbiltà u l-viżibilità miżjuda tal-benefiċjarji (il-marka tal-proġett tal-UE), il-benefiċċji li jirriżultaw mill-kollaborazzjoni bejn s-sħab (it-trasferiment tal-għarfien, l-aħjar prassi) eċċ.

**34.**
Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li:

(i) Il-programm jappoġġja bidla modali, jiġifieri ma jħallasx għal merkanzija diġà ttrasportata bil-baħar, bil-ferroviji, jew bil-mogħdijiet tal-ilma interni. Hija tħeġġeġ lis-suq ibiddel id-drawwiet u jċaqlaq għal modi alternattivi t-trasport li bħalissa qed isir bit-toroq.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

(ii) l-inċentivi limitati jwasslu għal effet għoli ħafna ta' "ingranaġġ" fil-proġetti MP. Madankollu, dawn l-ammonti huma importanti biex il-benefiċjarji li normalment joperaw fuq il-marġni ta' profitt żgħir, fis-sitwazzjoni meta jkunu mistennija jikkompetu għall-merkanzija mat-trasport bit-triq li huwa relattivament irħis. Attwalment Marco Polo huwa previst li jħallas għal telf inizjali u biex jgħin lill-benefiċjarji "jissopravivu" fis-suq fl-aktar perjodu diffiċli fil-bidu.

**37.**
Il-programm huwa indirizzat għall-burdnara/il-fornituri tal-loġistika, li jittrataw l-organizzazzjoni tal-ħoloq tat-trasport fi ktajjen tal-provvista kumplessi u għal sidien ta' merkanzija jew ir-rappreżentanti tagħhom li jiffurmaw in-naħa tad-domanda tas-suq. Filwaqt li l-ewwel kategorija tirrappreżenta l-grupp prinċipali fil-mira ta' MP, hemm numru ta' proġetti li rnexxew imressqa mill-ispedituri (inklużi kumpaniji tal-ġarr bit-trakkijiet)/manufatturi.

Il-gruppi fil-mira ta' Marco Polo kienu pereżempju: analizzati fir "Rapport ta' evalwazzjoni *ex ante* fuq MP II", Ecorys, il-Kapitolu 2.2 valutazzjoni tal-ħtiġijiet: http://ec.europa.eu/transport/facts-fundings/evaluations/doc/2004_marco_polo.pdf

**38.**
Il-programm Marco Polo I kien ibbażat fuq ir-riżultati tal-programm PACT (li jappoġġa t-trasport kombinat), flimkien ma' analiżi u konsultazzjonijiet ma' assoċjazzjonijiet tat-trasport Ewropej ewlenin.

Il-programm Marco Polo II kien appoġġat minn studju *ex ante*.

**39.**
Qabel ma bdew il-programmi, il-Kummissjoni wettqet l-analiżi ta' ostakoli li jfixklu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' servizzi intermodali għall-modi kollha ta' trasport u pproponiet tipi speċifiċi ta' intervent biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet u l-problemi modali. Il-Kummissjoni tirreferi hawn għad-Dokument ta' Konsultazzjoni żviluppat mill-Kummissjoni fl-2001 u mqassam lill-partijiet interessati għall-ħtiġijiet ta' konsultazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għall-istudju *ex ante* għall-Marco Polo II, li inkluda analiżi permezz ta' stħarriġ tas-suq rilevanti, lezzjonijiet meħuda minn MP I, valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u konsultazzjoni dedikata mal-partijiet interessati.

**40.**
Dawn il-kwistjonijiet dejjem kienu l-ikbar tħassib għall-Kummissjoni li, ħadet il-miżuri li ġejjin:

— ġew introdotti modifiki fid-disinn tal-programm Marco Polo II (żdiedet l-intensità tal-finanzjament, ir-Regolament ta' emenda 923/2009) matul iċ-ċiklu tal-ħajja biex isir aktar attraenti u biex ikun inkoraġġut ulterjorment is-settur biex jaqleb minn toroq għal SSS, ferroviji u IWT;

— ġew proposti soluzzjonijiet speċifiċi taħt il-programmi ta' ħidma annwali ta' MP u saru sejħiet għal proposti biex jindirizzaw il-problema ta' backshift modali potenzjali fl-SSS u fit-trasport ferrovjarju (pereżempju prijoritajiet politiċi u inċentivi għal Servizzi SSS innovattivi u t-trasport permezz ta' vaguni iżolati);

— ġew identifikati miżuri fuq terminu medju u twil u proposti fil-livell tal-Kummissjoni biex jindirizzaw rekwiżiti ġodda fir-rigward ta' limiti fuq il-kubrit, fit-trasport marittimu, pereżempju: Sett ta' għodod għal trasport sostenibbli fuq l-ilma[4] ;

**41.**
Iċ-ċifri taċ-ċaqliq modali mistennija mill-proġetti magħżula skont is-sejħiet tal-2003 u l-2004 kienu ogħla mill-miri għaċ-ċaqliq modali stabbiliti għall-programm MPI (12 btkm annwalment) b'rispettivament 12,4 u 14,4 biljun tkm. Ma kien hemm l-ebda dejta disponibbli li tagħti raġuni għalfejn wieħed għandu jissuspetta li ċ-ċifri attwali ta' ċaqliq modali setgħu kienu inqas minn dan it-tbassir;

L-ewwel rapport uffiċjali li jenfasizza ċerti problemi kienet tabilħaqq l-evalwazzjoni esterna ta' MP I li twettqet fl-2007. Madankollu, il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ECORYS kienu aktar bilanċjati, u indikaw livell pjuttost tajjeb ta' effikaċja u ingranaġġ għoli tal-programm: http://ec.europa.eu/transport/facts-fundings/evaluations/doc/2007_marco_polo_1.pdf

[4] Ara "Pollutant emission reduction from maritime transport and the sustainable waterborne transport toolbox", SEC(2011) 1052 finali.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**42.**
"Ir-reviżjoni mmirata tal-bażi ġuridika" kienet l-alternattiva magħżula bħala riżultat tal-valutazzjoni *ex ante*. Din l-alternattiva indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tar-rapport ta' evalwazzjoni ECORYS 2007 u ggarantiet li kwalunkwe bidla proposta għall-programm tkun adottata malajr sabiex tiġi implimentata malajr kemm jista' jkun. Reviżjoni kbira tal-programm b'implikazzjonijiet politiċi ġiet skartata sempliċiment biex jiġi evitat li emendi jiġu adottati tard matul il-programm (2007-2013).

Finalment. ir-Regolament 923/2009 daħal fis-seħħ missejħa għall-proposti tal-2010 'l quddiem biss. Għalhekk għadu kmieni wisq biex wieħed jivvaluta l-effetti fuq il-medda twila taż-żmien li ġabu magħhom l-emendi.

**43.**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-vantaġġi potenzjali ta' programmi bħal Ecobonus iżda, fl-istess ħin, hija konxja li jista' jkun hemm żvantaġġi (pereżempju. il-piż u l-kostijiet amministrattivi, is-sostenibbiltà, l-effiċjenza, l-effetti fuq il-kompetizzjoni, eċċ.), b'mod speċjali jekk dawn il-programmi kellhom jiġu implimentati fil-livell tal-UE, fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-programmi bbażati fl-UE huma ta' natura differenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu ġustifikati għal raġunijiet ta' sussidjarjetà. Jeħtieġ li jindirizzaw problemi, li ma jistgħux jiġu indirizzati mill-Istati Membri infushom u jiksbu objettivi, li mhumiex possibbli li jintlaħqu fil-livell nazzjonali. Hemm ukoll differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' lokazzjoni ġeografika, flussi tal-merkanzija, disponibbiltà tal-infrastruttura, modi użati eċċ.

Filwaqt li ma kien hemm ebda obbligu legali biex il-Kummissjoni "tagħmel analiżi fil-fond bejn l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ sabiex joħorġu lezzjonijiet għall-possibilità ta' tfassal mill-ġdid tal-programmi MP", sabiex tiġi żgurata sinerġija u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni bejn l-istrumenti differenti ta' finanzjament fil-livell tal-UE u kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għamlet inventarju tal-iskemi nazzjonali ta' sostenn u wettqet analiżi rilevanti (Rapport ta' evalwazzjoni *ex ante* dwar MP II, Kapitolu 5 "Analiżi ta' Valur Miżjud Ewropew").

**44.**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li minħabba l-objettivi tant ambizzjużi tagħhom, il-programmi jistgħu jiġu kkunsidrati inqas effettivi milli mixtieq iżda madankollu huma wasslu għal bidla modali sostanzjali espressa f'biljuni ta' tunnellati għal kull kilometru. Marco Polo hu dwar l-għoti ta' inċentivi limitati biex wieħed jaqleb minn soluzzjonijiet tat-trasport bit-triq għal sistemi intermodali aktar kumplessi u diffiċli biex jiġu implimentati.

(i) Marco Polo I kiseb minimu ta' 22 biljunn tkm, li jirrappreżentaw 46 % tal-mira[5] . Marco Polo II għadu għaddej, għalhekk riżultati finali għadhom mhumiex disponibbli.

(ii) il-mira kwantifikabbli ewlenija tal-programmi hija "li ċċaqlaq iż-żieda aggregata totali annwali mistennija (parti sostanzjali minnha għal MPII) fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bit-triq". Minħabba l-ammont kumplessiv tal-programm Marco Polo (MPI irrappreżenta madwar 0,01 % tal-baġit u MPII madwar 0,05 % tal-baġit tal-UE) u d-daqs tal-programm fl-isfond tas-settur tat-trasport tal-UE, il-Kummissjoni ma stennietx kwalunkwe bidla sinifikanti tal-bilanċ bejn il-modi fil-livell tal-UE.

(iii) Marco Polo jippermetti għal kwantifikazzjoni tar-riżultati tal-programm, espressi f'termini ta' bidla modali. Bl-użu tal-Kalkolatur MP (in-nota 9 ta' qiegħ il-paġna fl-osservazzjonijiet tal-Qorti) huwa possibbli li wieħed jistima l-benefiċċji ambjentali u l-iffrankar tal-kostijiet esterni miksuba mill-programm. Din hija karatteristika eċċezzjonali ta' Marco Polo.

**45.**
Il-programm fih mekkaniżmu uniku fil-livell tal-UE, li jagħmel l-iżborż tal-finanzjament kondizzjonali fuq ir-riżultati. Dan jippermetti li l-approprjazzjonijiet finanzjarji jintużaw f'konformità mal-objettivi tal-programm.

Il-kundizzjonijiet għall-ambjent tan-negozju mhumiex "dissważivi". Il-programm għandu l-għan li jintlaħaq bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju u tar-regoli tal-finanzjament deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fir-Regolamenti li jistabbilixxu l-programmi Marco Polo u l-ħtiġijiet tan-negozju. Aktar minn 650 kumpanija s'issa ġew appoġġati u l-kriżi ekonomika hija waħda mir-raġunijiet ewlenin wara użu tal-programm inqas milli mixtieq.

[5] Biex jinkiseb dan intnefaq 41 % tal-baġit.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Marco Polo hu dwar l-għoti ta' inċentivi limitati biex wieħed jaqleb minn soluzzjonijiet tat-trasport bit-triq għal sistemi intermodali aktar kumplessi u diffiċli biex jiġu implimentati. Għalhekk, il-proġetti Marco Polo kienu partikolarment sensittivi għall-kriżi ekonomika. Din hija waħda mir-raġunijiet li wasslu għal għadd ta' proġetti inqas milli mixtieq appoġġjati mill-programm.

Fir-rigward ta':

(i) – mill-2010, l-EACI introduċiet ċertifikati kumplimentari ta' awditu, li taw ċertezza addizzjonali għall-merkanzija ttrasportata mill-proġetti ta' Marco Polo;

(ii) –il-maġġoranza tagħhom ikomplu wara l-perjodu ta' finanazjament biex b'hekk jiġġeneraw ċaqliq modali addizzjonali;

(iii) – il-kwistjoni ta' deadweight għall-programm Marco Polo hija diffiċli li tkun kwantifikata minħabba li jista' jkun hemm ħafna fatturi li jistgħu jaffetwaw ir-riżultati. Il-Kummissjoni tqis li l-programm għandu b'mod ċar valur miżjud għall-proġetti awditjati, għaliex, minkejja d-deadweight iddikjarat minn 42 % tal-benfiċjarji li pparteċipaw fl-istħarriġ, il-finanzjament tal-UE ppermettilhom li jibdew iktar kmieni, li jżidu l-iskala tas-servizz jew li jkollhom ritorn aktar kmieni fuq l-investiment.

**46.**

Għal Marco Polo I twettqet analiżi tas-suq rilevanti fil-qafas ta' proċess ta' konsultazzjoni pubblika u evalwazzjoni *ex ante* kompluta twettqet għal Marco Polo II fl-2004;

Abbażi tar-reazzjoni għall-politika, il-programmi kienu suġġetti għal emendi u modifiki rilevanti u f'waqthom matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.

Azzjonijiet korretiivi kienu introdotti f'waqthom u skont il-prattiki standard u l-proċeduri eżistenti.

**Rakkomandazzjonijiet (a)**

Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet.

Fir-rigward tad-"dgħufijiet" identifikati f'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tfakkar fil-pożizzjoni tagħha kif ipprovduta bi tweġiba għal paragrafi 15, 16, 26, 27, 31 u 33.

Il-Kummissjoni hija konxja li l-programm Marco Polo isofri minn għadd ta' nuqqasijiet. Madankollu, hija wkoll tal-opinjoni li l-programmi MP kienu kapaċi jgħinu lill-industrija Ewropea tat-trasport biex tittestja soluzzjonijiet innovattivi u tneħħi ammont mhux negliġibbli ta' traffiku mit-toroq b'konġestjoni fl-UE bi frazzjoni żgħira (minn 0,01 % għal 0,05 %) tal-baġit tal-UE.

Għall-futur, il-Kummissjoni tqis li jkun tajjeb li jkun ipprovdut appoġġ mill-UE għal servizzi innovattivi għat-trasport tal-merkanzija bil-għan li jintlaħqu l-objettivi tal-politika tat-trasport tal-UE (servizzi inter-modali integrati, tnaqqis tal-konġestjoni, tnaqqis tal-impatt ambjentali, soluzzjonijiet innovattivi, swieq ġodda u teknoloġiji) u li tiżgura l-aħjar interessi taċ-ċittadini tal-UE li jibbenefikaw minnhom.

Ma kien propost l-ebda finanzjament dedikat għal Marco Polo III għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020 imma, diġà fl-2011 qafas ġenerali għall-appoġġ tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija kien inkluż fil-proposti tal-Kummissjoni għal-linji gwida l-ġodda għan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u għall-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa (CEF).

Kull żvilupp futur ta' azzjonijiet dettaljati fil-qasam tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija taħt il-qafas ġenerali stipulati fil-linji gwida tat-TEN-T, se jkun ibbażat fuq valutazzjoni *ex ante* dedikata.

Madanakollu, huma l-awtoritajiet leġiżlattivi li finalment jiddeterminaw il-qafas futur ta' din l-iskema fil-kuntest tal-QFP, is-CEF u t-TEN-T.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**Rakkomandazzjonijiet (b)**
Il-Kummissjoni taqbel dwar il-ħtieġa għal valutazzjoni *ex ante* tal-impatt u li tqis b'mod dovut l-aħjar prassi tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali.

Kif spjegat taħt il-punt (a), din l-analiżi tista' ssir biss wara li jitlesta l-proċċess leġiżlattiv għall-QFP, is-CEF u t-TEN-T. Dan il-proċess se jipprovdi l-qafas għas segwitu ta' Marco Polo.

Peress li din l-analiżi *ex ante* se tkun bażi għat-tfassil tal-istrument ta' sostenn għas-servizzi tal-ġarr ta' merkanzija, il-Kummissjoni tqis li xi wħud minn dawn ir-rakkomandazz-jonijiet huma prematuri f'dan l-istadju.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (i)**
Kif imsemmi fil-paragrafi preċedenti, it-tfassil ta' azzjoni-jiet tat-tip tal-programm Marco Polo skont il-programm il-ġdid tat-TEN-T għadu ma ġiex iddeterminat u se jirriżulta mill-istabbiliment ta' qafas politiku u mill-valutazzjoni *ex ante*. Il-Kummissjoni taqbel dwar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti miri realistiċi għall-istrument il-ġdid u li tieħu azzjonijiet fil-pront biex tirrimedja nuqqasijiet jekk ikun meħtieġ. Madankollu, l-enfasi tas-segwitu tal-programm Marco Polo mhux bilfors tibqa' fuq il-bidla modali u l-miri tagħha mhux se jkunu neċessarjament stabbiliti fir-rigward tal-volumi ttrasferiti mit-toroq għal mezzi oħra ta' trasport.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (ii)**
Il-mekkaniżmu ta' finanzjament għas-segwitu tat-tip ta' azz-jonijiet tal-programm Marco Polo se jirriżultaw mill-qafas politiku u jkun ibbażat fuq l-analiżi *ex ante*.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (iii)**
Valutazzjoni bħal din se titwettaq fil-kuntest tal-analiżi *ex ante* msemmija hawn fuq.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (iv)**
Il-proposti għal linji gwida tat-TEN-T u l-tal-FNE jidentifikaw l-ostakoli u l-interoperabbiltà bħala uħud mill-għanijiet ewlenin tal-intervent tal-UE fil-qasam tat-trasport.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (v)**
Il-Kummissjoni taċċetta li tiżgura li dejta adegwata hija dis-ponibbli biex turi l-prestazzjoni miksuba milll-azzjonijiet finanzjati.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (vi)**
Se jsiru sforzi biex jitnaqqas ulterjorment iż-żmien meħtieġ għall-għażla ta' proġetti u l-kuntrattar f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (vii)**
Li s-sostenibilità tal-proġetti għal mill-inqas tliet snin wara t-tlestija ssir kundizzjoni neċessarja mhijiex realistika li tkun implimentata u kkontrollata fil-kuntest tal-ambjent tan-negozju volatili. Dan kieku jiskoraġġixxi applikanti u jiżdied b'mod sostanzjali r-riskju għan-negozju fil-każ li l-kundizz-jonijiet tas-suq jinbidlu.

**Rakkomandazzjonijiet (b) (viii)**
Riskji relatati mal-fenomenu tal-piż inutli u modi effiċjenti biex jindirizzawh se jiġu indirizzati fl-analiżi *ex ante* msem-mija hawn fuq.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Rapport Speċjali Nru 3/2013**
**Il-programmi Marco Polo kienu effettivi fiċ-ċaqliq tat-traffiku lil hinn mit-toroq?**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 39 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-213-5
doi:10.2865/78465

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

  (*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

SA MILL-2003, IL-PROGRAMMI MARCO POLO FFINANZJAW PROĠETTI LI JĊAQALQU T-TRASPORT TA' MERKANZIJA MIT-TRIQ GĦALL-FERROVIJI, GĦALL-PASSAĠĠI TAL-ILMA INTERNI U GĦAT-TBAĦĦIR FIL-QOSOR SABIEX JITNAQQAS IT-TRAFFIKU TAT-TRASPORT INTERNAZZJONALI TA' MERKANZIJA BIT-TRIQ, TITJIEB IL-PRESTAZZJONI AMBJENTALI TAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA, TITNAQQAS IL-KONĠESTJONI U TIŻDIED IS-SIGURTÀ FIT-TOROQ. MINĦABBA L-ĦAFNA DGĦUFIJIET OSSERVATI, IL-QORTI TQIS IL-PROGRAMMI BĦALA INEFFETTIVI (MA LAĦQUX IL-MIRI TAL-PRODOTTI TAGĦHOM U MA KELLHOMX IMPATT FUQ IĊ-ĊAQLIQ TAL-MERKANZIJA LIL HINN MIT-TOROQ; MA HEMM L-EBDA *DATA* BIEX JIĠU VVALUTATI L-BENEFIĊĊJI MISTENNIJA; MA KIENX HEMM BIŻŻEJJED PROPOSTI TA' PROĠETTI; HEMM INĊERTEZZA DWAR IL-KWANTITAJIET LIMITATI RRAPPURTATI MĊAQALQA; ĦAFNA PROĠETTI KIENU TA' SOSTENIBBILTÀ LIMITATA U KIENU JINBDEW ANKE MINGĦAJR FINANZJAMENT MILL-UE). IL-QORTI GĦALHEKK TISSUĠĠERIXXI LI JINTEMMU L-PROGRAMMI MARCO POLO U, SABIEX TISSAĦĦAĦ IL-PRESTAZZJONI FI SKEMI FUTURI TA' APPOĠĠ GĦAL SERVIZZI TAT-TRASPORT, IL-QORTI TIRRAKKOMANDA LI L-FINANZJAMENT ISIR KUNDIZZJONALI FUQ VALUTAZZJONI *EX ANTE* DDETTALJATA DWAR ID-DOMANDA POTENZJALI, U FIL-KAŻ BISS LI TALI POTENZJAL JEŻISTI, JIĠU PRESKRITTI REGOLI U KUNDIZZJONIJIET ĊARI FIR-RIGWARD TA' FINANZJAMENTI FUTURI.

QJ-AB-13-003-MT-C

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9241-213-5

9 789292 412135